MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2023

Appell Inferjuri Numru 25/2022 LM

**Olivia Ann Camilleri (K.I. 292180M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Olivia Ann Camilleri (K.I. 292180M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fl-14 ta' Marzu, 2022, li permezz tagħha t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li ma saret l-ebda diskriminazzjoni mar-rikorrenti mis-soċjetà intimata **HSBC Bank Malta plc (C**

**3177)** [minn issa ’l quddiem ‘il-bank appellant’], u konsegwentement id-differenza fit-trattament li ngħatat ir-rikorrenti mis-soċjetà intimata tqieset mit-Tribunal li hija ġustifikata stante li kien hemm għan leġittimu għaliha u li l-mezzi li użat is-soċjetà intimata sabiex tilħaq dan l-għan kienu adattati u neċessarji.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal fejn spjegat li hija kienet ilha impjegata mas-soċjetà intimata għal madwar għoxrin sena, u fl-aħħar snin kienet qegħda taħdem fuq sigħat ridotti ta’ tletin siegħa fil-*Card Operations Department* bħala *Card Systems Officer,* bil-Grad ta’ GCB 8 fl-istruttura tas-soċjetà intimata. Qalet li f’Mejju tal-2019, it-tifel il-kbir tagħha ġie ċċertifikat li qiegħed ibati minn *Attention Deficit Hyperactivity Disorder (ADHD)* u *Dyslexia,* u li konsegwenza ta’ dan, il-progress skolastiku tiegħu ġie mfixkel. Qalet li hija ġiet assikurata mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani tas-soċjetà intimata li kien ser ikun dispost li jaċċetta t-talba tagħha għal sena *leave* speċjali bla ħlas sabiex hija tkun tista’ tgħin lit-tifel tagħha fil-bżonnijiet skolastiċi tiegħu, u dan anki in linea mal-ftehim kollettiv applikabbli. Ir-rikorrenti spjegat li s-soċjetà intimata ċaħdet it-talba tagħha, u sussegwentement ċaħad ukoll diversi talbiet oħra tagħha sabiex hija tiġi raġonevolment akkomodata bl-applikazzjoni ta’ *family friendly measures* minħabba s-sitwazzjoni familjari tagħha. Ir-rikorrenti qalet li minkejja li l-bank taha diversi raġunijiet għalfejn kien qiegħed jiċħad it-talbiet tagħha, dawn kienu konfliġġenti, inkonsistenti u diskriminatorji għall-aħħar, tant hu hekk li hija ħasset li ma kellhiex triq oħra għajr li tirriżenja mill-impjieg. Qalet li wara li hija kienet

diġà offriet ir-riżenja tagħha, il-*management* tal-bank issuġġerielha li tapplika għal *career break* ta' sena bla ħlas, u dan għaliex skont l-istess *management* il-bank intimat kien aktar dispost li joffri din l-iskema lil ħaddiema li fi ħsiebhom jagħmlu xi xogħol ieħor għal rashom milli għaċ-ċirkostanzi li oriġinarjament applikat għalihom ir-rikorrenti. Hija spjegat li dak iż-żmien id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani kien indikalha li l-*career break* setgħet tingħatalha wara l-aħħar ta' Novembru 2019, imma l-bank intimat reġa' għal darb'oħra ċaħad it-talba tagħha mingħajr raġuni valida għal dan. Ir-rikorrenti qalet ukoll li fl-aħħar sentejn, il-bank intimat ripetutament informa lill-impjegati tiegħu li ma kinux ser jiġu offruti skemi ta' irtirar volontarju, iżda fl-14 ta' Ottubru, 2019, jiġifieri wara li hija kienet diġà rriżenjat mill-impjieg tagħha, il-bank intimat ħabbar skemi ta' irtirar volontarju li kienu ġew maqbula bejn il-bank u l-Malta Union of Bank Employees (l-MUBE). Ir-rikorrenti qalet li kien għalhekk li hija kitbet lill-bank intimat u talbitu jerġa' jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tat-talbiet tagħha sabiex tal-anqas hija tkun tista' tibbenefika mill-iskema tal-irtirar volontarju li kienet għadha kif tħabbret. Ir-rikorrenti spjegat li hija baqgħet bla risposta għal dan, u għalhekk talbet l-assistenza tal-*union* sabiex din tirreġistra *grievance* f'isem ir-rikorrenti skont l-aħħar ftehim kollettiv, iżda qalet li l-bank ċaħħadha minn dan ir-rimedju billi injora għal kollox il-komunikazzjoni li kien hemm mal-*union* f'dan ir-rigward. Ir-rikorrenti qalet li l-*individual grievance procedure* tifforma parti mill-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha skont il-liġi u torbot lis-soċjetà intimata, tant hu hekk li l-ksur ta' dawn il-kundizzjonijiet tax-xogħol iġġib magħha sanzjonijiet kriminali taħt il-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li kien biss fl-aħħar ġurnata tan-*notice period,* il-31 ta' Ottubru, 2019, li l-bank intimat infurmaha li ma kienx

ser jilqa' t-talba tagħha għal *career break,* u din id-darba r-raġuni li ngħatat kienet li hija kienet bin-*notice* u l-impjieg tagħha kien ser jispiċċa dakinhar stess. Il-bank intimat informa lir-rikorrenti wkoll li hija ma kinitx eliġibbli għal skema ta' irtirar volontarju għaliex hija kienet qegħda taħdem in-*notice* u l-impjieg tagħha kien ser jintemm. Ir-rikorrenti qalet li l-bank intimat kien qiegħed jiddiskrimina kontra tagħha, anki għaliex ċaħħadha milli tagħmel użu effettiv mill-proċedura tal-*individual grievance* u kif ukoll għaliex f'ċirkostanzi simili, il-bank dejjem ra kif għamel biex akkomoda ħaddiema oħra b'talbiet simili u analogi għal tagħha.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li hija tkeċċiet mill-impjieg tagħha inġustament, riżultat ta' terminazzjoni sforzata / *constructive dismissal.* Ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal jiddikjara li l-bank intimat mexa b'mod diskriminatorju fil-konfront tagħha, inkluż meta ċaħħadha milli tużufruwixxi ruħha mill-proċedura tar-rimedju intern sabiex tittratta l-ilment tagħha bl-assistenza tal-*union.* Fir-rigward tal-ewwel talba, ir-rikorrenti talbet ukoll lit-Tribunal jordna lill-bank intimat iħallasha kumpens għat-tkeċċija inġusta tagħha a tenur tal-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll il-benefiċċju stipulat fil-ftehim kollettiv, liema benefiċċju għandu jkun f'somma ta' mhux anqas mill-ekwivalenti ta' tliet snin salarju kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv. Fir-rigward tat-tieni talba, ir-rikorrenti talbet ukoll li jingħata rimedju ulterjuri li t-Tribunal jidhirlu li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi, inkluż il-kundanna għall-ħlas ta' kumpens ulterjuri xieraq u dovut skont il-liġi *ai termini* tal-artikolu 30 tal-

Kap. 452 minħabba fl-aġir diskriminatorju soffert minnha, kif ukoll talbet għal kull rimedju ieħor li t-Tribunal jista' jidhirlu li jkun xieraq u opportun fit-termini tal-liġi.

4. Fid-dikjarazzjoni tal-każ tagħha, ir-rikorrenti spjegat li hija kienet impjegata mal-bank intimat fil-*Card Operations Department* bħala *Card Systems Officer* bil-grad ta' GCB8, b'ammont ta' sigħat ridotti ta' tletin siegħa minflok erbgħin. Qalet li f'Mejju tal-2019, it-tifel il-kbir tagħha ġie ċċertifikat li qiegħed ibati minn *Attention Deficit Hyperactivity Disorder (ADHD)* u d-*Dyslexia,* u kien għalhekk li hija talbet għal sena *leave* speċjali sabiex tkun tista' tgħin lit-tifel tagħha. Qalet li dak iż-żmien, minkejja l-assikurazzjoni li ngħatat minn uffiċjal fil-*Human Resources Department* li t-talba tagħha kienet ser tiġi milqugħa għaliex din saret għal raġunijet familjari, il-bank intimat ċaħad it-talba tagħha taħt il-pretest li dak ma kienx iż-żmien opportun biex tingħata konċessjoni bħal din, għaliex il-bank ried iwassal fit-tmiemu proġett partikolari sa Settembru ta' dik is-sena. Ir-rikorrenti qalet li sussegwentement hija ppruvat issib soluzzjoni li tkun tajba għaliha u għall-bank, u minflok talbet sabiex tnaqqas is-sigħat tax-xogħol b'tali mod li tkun qegħda taħdem jumejn biss fil-ġimgħa. Ir-rikorrenti qalet li anki din it-talba tagħha ġiet miċħuda b'mod diskriminatorju, u hija ma kellha l-ebda triq oħra għajr li kontra qalbha tirriżenja mill-impjieg, u bdiet tfittex biex tagħmel xi attività għal rasha sabiex ikollha l-flessibilità li kienet teħtieġ. Ir-rikorrenti qalet li wara li hija offriet ir-riżenja tagħha, ġie suġġerit lilha li hija għandha tapplika għal *career break* ta' sena bla ħlas, u dan għaliex skont il-*management,* il-bank kien ser ikun ferm aktar dispost li joffri din l-iskema lil ħaddiema li jkunu ser jagħmlu xi xogħol għal rashom milli għaċ-ċirkostanzi l-oħra li oriġinarjament għamlet it-

talba dwarhom ir-rikorrenti. Qalet li hija ħadet dan is-suġġeriment, imma minkejja li d-Dipartiment tar-Riżorsi Umani kien assiguraha li l-applikazzjoni tagħha setgħet tiġi aċċettata wara l-aħħar ta' Novembru 2019, il-bank intimat għal darb'oħra reġa' ċaħad it-talba tagħha. Ir-rikorrenti qalet li hija ressqet ilment dwar dan mal-Kap tat-Taqsima tar-Riżosi Umani Caroline Buhagiar Klass, li kienet infurmatha li peress li kien hemm ħafna ħaddiema li qegħdin jitilqu mill-bank, ir-rwol tagħha ma kienx ser jinżamm fil-futur, u għalhekk ma kienx jagħmel sens li l-bank joffrilha *career break* minflok ma jħalliha titlaq. Ir-rikorrenti qalet li fl-istess waqt li hija ngħatat din l-informazzjoni, is-COO tal-bank kien infurmaha li r-raġuni għalfejn il-bank kien ċaħad it-talba tagħha kienet proprju għaliex kien għad għandu bżonnha fir-rwol tagħha. Qalet ukoll li tul dawn is-sentejn, is-COO tal-bank kemm-il darba informa lill-impjegati li l-bank ma kienx fi ħsiebu jerġa' joħroġ skemi ta' irtirar volontarju bħal ma ġieli ħareġ fil-passat. Qalet li kien proprju għalhekk li f'dan iż-żmien telqu bosta impjegati mill-bank, għaliex qatgħu qalbhom li xi darba setgħu jibbenefikaw minn xi skema ta' irtirar kmieni, bħal ma bbenefikaw kollegi tagħhom fil-passat. Ir-rikorrenti qalet li quddiem din is-sitwazzjoni hija ppruvat għal darb'oħra tasal f'kompromess mal-bank intimat, billi pproponiet li taħdem tliet darbiet fil-ġimgħa, tmintax-il siegħa fil-ġimgħa, minflok tnax-il siegħa maqsumin fuq jumejn kif ipproponiet qabel, iżda l-bank baqa' intransiġenti u għal darb'oħra ma kienx dispost li jakkordalha *reasonable accomodation* għall-bżonnijiet speċjali li kellha dak iż-żmien. Ir-rikorrenti qalet li kien hemm ħaddiema oħra mal-bank intimat li ġew akkomodati b'dan il-mod, u għalhekk hija ma setgħetx tifhem għal liema raġuni ma sarx hekk magħha. Ir-rikorrenti qalet li minkejja li ġiet infurmata li l-bank kien għad għandu bżonnha

fir-rwol tagħha, u minkejja li s-CEO tal-bank spiss kien ifakkar li ma kinux ser joħorġu skemi ta' irtirar kmieni, f'daqqa waħda tħabbru żewġ skemi ta' irtirar kmieni mill-bank intimat. Ir-rikorrenti qalet li quddiem dawn l-iżviluppi, hija kitbet lill-bank intimat u talbitu jikkonsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tat-talbiet tagħha, jew tal-anqas iħalliha tibbenefika mill-iskema ta' irtirar volontarju li kienet tħabbret għall-ħaddiema kollha tal-bank. Qalet li kienet għaddiet ġimgħa u hija baqgħet mingħajr risposta, u għalhekk hija rreġistrat *grievance* interna *ai termini* tal-Ftehim Kollettiv, iżda l-bank intimat injora għal kollox din il-komunikazzjoni li saret f'isem ir-rikorrenti mill-*union* tagħha, l-Independent Bankers Union. Qalet ukoll li kien biss fl-aħħar ġurnata tan-*notice period,* fil-31 ta' Ottubru, 2019, li l-bank infurmaha li ma kienx ser jilqa' t-talba tagħha għal *career break* u li hija ma kinitx eliġibbli għall-iskema ta' irtirar volontarju għaliex diġà kienet bin-*notice* u l-impjieg tagħha kien ser jintemm dakinhar stess.

5. Flimkien ma' din id-dikjarazzjoni tal-fatti, ir-rikorrenti ppreżentat kopja ta' linji gwida interni maħruġa mill-bank intimat, skambju ta' *emails* li kien hemm bejnha u Caroline Buhagiar Klass, Kap tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani tal-bank, u kopja tal-ittra ta' riżenja tagħha tat-8 t'Awwissu, 2019.

6. Il-bank intimat fir-risposta tiegħu wieġeb li r-rikorrenti kienet impjegata mal-bank bħala *Card Systems Officer,* u li fuq talba tagħha stess din ingħatat il-fakultà li taħdem sigħat ridotti, tletin siegħa minflok erbgħin. Ġie spjegat li f'Ġunju tal-2019, ir-rikorrenti talbet lill-bank sabiex tingħata *career break ai termini* tal-Ftehim Kollettiv, li jipprovdi għal diversi forom ta' *leave* addizzjonali. Il-klawsola rilevanti tal-Ftehim Kollettiv tistipula li impjegati li jkunu lestew il-

perijodu tal-*probation* tagħhom, jistgħu jingħataw *career break* għal perijodu ta' sena (tnax-il xahar), iżda dan il-*leave* speċjali jingħata skont id-diskrezzjoni tal-bank, bil-kundizzjoni li f'dan il-perijodu l-impjegat ma jfittix impjieg alternattiv fis-settur finanzjarju. Il-bank qal li din il-klawsola tagħmilha ċara li dan il-*career break* mhux jedd awtomatiku tal-impjegat. Żied jgħid li minħabba proġett kbir li kien għaddej fid-dipartiment fejn kienet taħdem ir-rikorrenti, il-*Card Operations*, it-talba tar-rikorrenti ma setgħetx tiġi milqugħa. Il-bank qal li dak iż-żmien kienet saret ukoll talba mir-rikorrenti sabiex din taħdem b'sigħat ridotti, u minħabba li dak kien żmien kruċjali għall-bank, u sabiex ma jitlifx impjegata, il-bank aċċetta li din taħdem ammont ta' sigħat anqas, iżda r-rikorrenti xorta waħda talbet li taħdem anki anqas minn hekk. Il-bank qal li kien għalhekk li r-rikorrenti ma ngħatatx *career break,* u kien għaliex it-talba tagħha biex taħdem jumejn biss fil-ġimgħa ma ġietx milqugħa, li hija għażlet li tirriżenja mill-impjieg. Il-bank kompla jgħid li r-riżenja tar-rikorrenti ma kinitx riżultat ta' xi ksur fundamentali tal-kuntratt ta' impjieg min-naħa tal-bank, iżda riżultat ta' deċiżjoni unilaterali li r-rikorrenti ħadet minħabba fiċ-ċirkostanzi partikolari tagħha. Il-bank qal ukoll li fl-ittra ta' riżenja tagħha, ir-rikorrenti spjegat li r-riżenja tagħha kienet waħda volontarja, u li hija ma kellha l-ebda lanjanza kontra l-bank. Il-bank kompla jgħid li wara li tat ir-riżenja, il-*manager* tar-rikorrenti pprova jesplora l-possibilità li jinstab xi arranġament sabiex din tibqa' fl-impjieg, iżda ma ntlaħaqx ftehim bejn il-partijiet, għaliex ir-rikorrenti baqgħet tinsisti li taħdem inqas sigħat. Il-bank qal li l-iskema ta' irtirar volontarju tħabbret u ġiet fis-seħħ meta r-rikorrenti kienet diġà infurmat lill-bank li kienet ser tirriżenja, u għalhekk il-każ tagħha ma setax jiġi ttrattat bħala wieħed ta' irtirar kmieni peress li hija kienet diġà rriżenjat u

kienet qegħda taħdem in-*notice period.* Il-bank spjega wkoll li lanqas l-iskema ta' irtirar volontarju ma kienet garantita għal min japplika għaliha, għaliex il-bank għandu diskrezzjoni lil min tingħata. Il-bank qal ukoll li mhux minnu li huwa mexa b'mod diskriminatorju mar-rikorrenti rigward il-*grievance* tagħha, u dan għaliex dan il-*grievance* ġie sottomess mir-rappreżentant tar-rikorrenti diversi xhur wara li hija ssottomettiet ir-riżenja tagħha, jiġifieri tliet ijiem biss qabel l-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħha. Il-bank qal li t-talba għal *career break* m'għandhiex titqies li hija sindakabbli quddiem bord, għaliex talba f'dan is-sens tikkonċerna strettament l-esiġenzi tan-negozju, u għalhekk anki *ai termini* tal-Ftehim Kollettiv, din id-deċiżjoni hija interament fid-diskrezzjoni tal-bank. Il-bank qal li għalhekk l-ebda kumpens m'għandu jiġi likwidat favur ir-rikorrenti għaliex ma seħħet l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tagħha, u lanqas ma kien hemm tkeċċija inġusta riżultat ta' *constructive dismissal.*

7. Il-bank intimat ippreżenta kopja tal-Ftehim Kollettiv bejnu u l-MUBE.

8. Fix-xhieda tagħha quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti spjegat li hija kienet ilha impjegata mal-bank intimat għal madwar għoxrin sena, u f'dan iż-żmien kollu hija ma kellha l-ebda kwistjoni mal-bank. Qalet li f'Mejju tal-2019, ġie stabbilit li t-tifel tagħha qiegħed ibati bl-ADHD u d-*dyslexia,* u għalhekk kellu bżonn l-għajnuna fl-affarijiet tal-iskola. Qalet li hija xtaqet tieħu sena *unpaid leave* sabiex fl-aħħar sena tal-iskola primarja tiegħu tkun tista' ttih is-sostenn li kellu bżonn. Ir-rikorrenti qalet li minkejja li hija kienet ingħatat indikazzjoni li konċessjonijiet bħal dawn jingħataw mill-bank, meta tkellmet mal-*management* hija ġiet mgħarrfa li kien ser ikun diffiċli ħafna li dak li talbet jiġi approvat għaliex dak iż-

żmien hija kienet qegħda taħdem fuq proġett partikolari, u kien hemm il-ħtieġa li jkun hemm aktar nies jaħdmu fuq dan il-proġett. Ir-rikorrenti qalet li meta rat li l-bank ma kienx ser jikkonċedilha l-flessibilità li kellha bżonn, iddeċidiet li titlaq mill-impjieg mal-bank u ssib impjieg ieħor bħala *instructor* tal-karozzi, sabiex tkun tista' tippjana l-ħinijiet tagħha hi u jibqgħalha ħin għall-familja tagħha. Ir-rikorrenti qalet li meta nfurmat lill-*management* b'dan, ġiet infurmata li setgħet tingħata sena *unpaid leave* sabiex tipprova dan l-impjieg alternattiv. Qalet li dak iż-żmien hija kienet tat in-*notice* fejn kellha tibqa' fl-impjieg sal-aħħar ta' Ottubru, iżda sussegwentement saru diskussjonijiet mal-*management* tal-bank u ġie deċiż li kellha taħdem sal-aħħar ta' Novembru. Ir-rikorrenti qalet li sadanittant hi baqgħet taħdem tletin siegħa fil-ġimgħa. Kompliet tgħid li fid-19 t'Awwissu hija ġiet mgħarrfa mill-*manager* tagħha li t-talba tagħha biex tingħata *unpaid leave* ma kinitx ser tiġi milqugħa għaliex il-ħsieb tagħha kien li tiftaħ negozju. Qalet li meta ġiet infurmata b'dan, hija wieġbet li r-raġuni vera għalfejn xtaqet il-*career break* ma kinitx biex tiftaħ negozju, iżda biex ikollha aktar flessibilità għal raġunijiet familjari. Ir-rikorrenti qalet li f'laqgħa separata oħra li hija kellha, ġiet infurmata li s-sena *unpaid leave* ma setgħetx tingħatalha għaliex il-proġett li kienet qegħda taħdem fuqu r-rikorrenti kien ser jispiċċa. Qalet li n-negozjati tkomplew mas-COO tal-bank, u dak iż-żmien hija kienet offriet li minflok tidħol xogħol jumejn fil-ġimgħa tidħol tliet ijiem, iżda l-bank baqa' jinsisti li hija tidħol xogħol għoxrin siegħa fuq medda ta' ħamest ijiem. Ir-rikorrenti kompliet tgħid li filwaqt li fis-snin ta' qabel l-impressjoni li ngħatat mid-diriġenti tal-bank dejjem kienet li ma kinux ser jinħarġu skemi ta' irtirar kmieni, dak iż-żmien il-bank ħabbar li kienet ser tinħareġ skema ta' irtirar kmieni, u għalhekk hija talbet li titħalla

tapplika għal din l-iskema. Qalet li hija ma rċeviet l-ebda risposta mingħand id-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, u kien għalhekk li hija daħħlet *grievance* permezz tal-*union* tagħha.

9. Ir-rikorrenti spjegat li l-proposta li taħdem erba' sigħat kuljum ma kinitx tajba biżżejjed għaliha għaliex it-tifel tagħha għandu bżonnijiet li jirrikjedu ħafna preparazzjoni u ħin. Spjegat li biex setgħet tlaħħaq mal-kundizzjoni tat-tifel tagħha, hija kellha bżonn tibda tieħdu xi attivitajiet sportivi ukoll, kif ukoll kellha tqatta' ħafna ħin miegħu sabiex ilesti x-xogħol tal-iskola, u għalhekk ma kienx possibbli għaliha li tibqa' toħroġ għax-xogħol kuljum.

10. Ir-rikorrenti qalet li hija baqgħet f'kuntatt mal-persuni li kienet taħdem magħhom il-bank, u dawn infurmawha li l-bank kien ħareġ skema ta' irtirar kmieni mix-xogħol, u hija ma tħallietx tapplika għaliha. Spjegat li dan seħħ għaliex wara li tefgħet ir-riżenja tagħha, kienu bdew negozjati sabiex tiġi esplorata l-possibilità li hija tingħata sena *unpaid leave,* iżda din it-talba tagħha sussegwentement ġiet irrifjutata. Qalet li wara dan kollu, kienu bdew negozjati biex hija titħalla tidħol xogħol darbtejn fil-ġimgħa, u wara bdew taħdidiet sabiex hija titħalla taħdem tliet darbiet fil-ġimgħa, u kien f'dan iż-żmien li ħarġet l-iskema tal-irtirar kmieni. Ir-rikorrenti qalet li kien hemm tnejn mill-kollegi tagħha fl-istess taqsima tagħha li applikaw u ħadu l-*early retirement.* Ir-rikorrenti ppreżentat il-korrispondenza li għaddiet bejnha u l-*management* tal-bank, fosthom kopja ta' *email* tal-31 ta' Ottubru, 2019, mibgħuta lilha minn Caroline Buhagiar Klass, Kap tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani, li infurmat lir-rikorrenti li, *"[y]our resignation letter dated 8 August was handed to the bank on the same*

*date. The voluntary schemes were published by the bank at a later date and does not apply to employees who had already resigned from the bank and were working their notice period. The Bank is also unable to consider your request for a new career break as your contract of employment is set to terminate on the 31st October, 2019."*

11. **Caroline Buhagiar Klass** fix-xhieda tagħha spjegat li hija ġiet infurmata bis-sitwazzjoni tar-rikorrenti f'Awwissu (presumibbilment tal-2019), fejn kien hemm talba mir-rikorrenti għal *career break.* Ix-xhud qalet li hija saret taf li kien hemm diversi diskussjonijiet fejn il-*career break* mitlub mir-rikorrenti ma ġiex aċċettat mis-COO tal-bank, u r-raġuni li ngħatat dak iż-żmien kienet li r-rikorrenti ma kellhiex titħalla titlaq għaliex dak iż-żmien kienet qegħda taħdem fuq proġett delikat ħafna. Qalet li dak iż-żmien kien hemm bżonn ta' diversi riżorsi ddedikati fuq dan il-proġett, u għalhekk kienu anki nġabu impjegati minn taqsimiet oħra sabiex jaħdmu fuqu. Ix-xhud qalet li ftit wara kien hemm komunikazzjoni mar-rikorrenti, fejn din spjegat li xtaqet il-*career break* minħabba f'sitwazzjoni familjari li kienet inqalgħetilha, iżda li l-pożizzjoni tas-COO baqgħet li t-talba tagħha ma setgħetx tiġi milqugħa minħabba raġunijiet ta' *business continuity.* Ix-xhud qalet li kien f'dan il-punt li r-rikorrenti ipproponiet li tnaqqas is-sigħat tax-xogħol tagħha, minkejja li dak iż-żmien hija kienet diġà qegħda taħdem tletin siegħa fil-ġimgħa. Qalet li s-COO kien talab lir-rikorrenti tikkonsidra li tibda taħdem erba' sigħat kuljum, iżda lanqas din il-proposta ma kienet aċċettabbli għar-rikorrenti. Ix-xhud qalet li r-rikorrenti kienet riżorsa importanti fil-proġett li kien qiegħed jħadem fuqu il-bank dak iż-żmien, u għalhekk il-fatt li hija baqgħet tinsisti li xtaqet taħdem għoxrin siegħa fuq medda ta' tliet ijiem minflok ħamsa,

ma kinitx fattibbli għall-bank. Ix-xhud qalet li waqt id-diskussjonijiet li saru bejn ir-rikorrenti u s-COO, qatt ma ġiet diskussa l-iskema tal-irtirar kmieni. Spjegat li waqt li r-rikorrenti kienet qegħda taħdem in-*notice* tagħha, ftit ġranet qabel kellha tispiċċa mill-impjieg, din kitbitilha *email* fejn talbitha terġa' tikkonsidra l-*career break* jew inkella li tingħata 'l-livjar'. Qalet li s-COO kien infurmaha li 'l-livjar' li talbet ma setax jingħatalha minħabba li hija kienet għadha meħtieġa fuq proġett kritiku li kienet qegħda taħdem fuqu fil-bank. Ix-xhud qalet li kien imbassar li dan il-proġett kellu jdum għaddej madwar sena oħra. Qalet li għall-ħabta tal-bidu jew nofs Ottubru, il-bank ħabbar skemi ta' irtirar kmieni li kienu maħsuba għal impjegati fi rwoli speċifiċi għaliex ċerti proċessi fil-bank kienu ser jiġu awtomatizzati u kien ser isir ċertu ristrutturar. Qalet li kienet diskrezzjoni tal-bank jekk dawn l-applikazzjonijiet jiġux aċċettati jew le. Ix-xhud spjegat li dak iż-żmien ħarġu żewġ skemi, waħda maħsuba għal ħaddiema li kienu ilhom impjegati mal-bank għal aktar minn għoxrin sena, u oħra għal dawk l-impjegati li kienu ilhom impjegati mal-bank aktar minn ħamsa u għoxrin sena. Qalet li kull applikazzjoni li ġiet riċevuta kellha tiġi riveduta mill-*head of function* sabiex jiġi stabbilit jekk it-talbiet li saru setgħux jiġu milqugħa. Ix-xhud qalet ukoll li kien hemm applikazzjonijiet li ntlaqgħu b'*exit date* għal sena wara għaliex dak iż-żmien il-persuni li applikaw kienu qegħdin jaħdmu fuq proġett kritiku. Ix-xhud qalet li dak iż-żmien ir-rikorrenti diġà kellha konċessjoni taħdem ammont ridott ta' sigħat, u kien hemm il-ħtieġa li persuni minn dipartimenti oħra jingħataw it-taħriġ meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jassistu fuq il-proġett li hija kienet qegħda taħdem fuqu. Ix-xhud qalet ukoll illi jekk ir-rikorrenti kienet ser titħalla ma tattendix ix-xogħol darbtejn fil-ġimgħa, il-proġett kien ser jiddewwem aktar biex jitlesta.

Qalet ukoll li wara li r-rikorrenti telqet mill-impjieg, il-proġett baqa' għaddej, iżda d-*deadlines* marbuta miegħu baqgħu ma ntlaħqux.

12. **Catherine Grech**, *Card Operations Supervisor,* fix-xhieda tagħha qalet li hija kienet taħdem fl-istess taqsima mar-rikorrenti, u din ġieli fetħet qalba magħha. Qalet li r-rikorrenti kienet iddispjaċuta meta talbet sena *unpaid leave* u din ġiet rifjutata. Din ix-xhud qalet li minkejja li r-rikorrenti kienet qegħda taħdem fuq proġett partikolari, kien hemm żmien ftit qabel spiċċat mix-xogħol, meta din intalbet tieqaf taħdem fuq dan il-proġett u tibda tagħmel xogħol ieħor ta' rutina.

13. **Stefania Grech**, fix-xhieda tagħha qalet li hija kienet ilha ħamsa u għoxrin sena taħdem mal-bank intimat, u fl-aħħar snin ħadmet esklussivament fit-taqsima tal-*card operations.* Qalet li r-rikorrenti kienet tahdem fuq il-card scheme. Semmiet persuna oħra li jisimha Tanya Piscopo li kienet taħdem *four day week* mal-bank, però kienet f'sezzjoni ohra.

14. **David Camilleri**, Operations Manager ġewwa Card Operations, fix-xhieda tiegħu qal li r-rikorrenti kienet taħdem fit-taqsima tal-*card operations* qabel beda jaħdem hemm hu, u r-rwol tagħha kien li tkun parti mis-*systems team,* fejn kienet tieħu ħsieb l-ittestjar ta' *live issues,* tibdil fis-sistema u kwistjonijiet simili. Ix-xhud qal li l-proġett li kienet qegħda taħdem fuqu r-rikorrenti kien wieħed massiv, għaliex kien jinvolvi bidla fil-*card management system.* Qal li fis-sajf tal-2019, ir-rikorrenti kienet marret tkellmu dwar il-possibilità li tieħu *career break,* iżda hu ma kellu l-ebda awtorità jaċċetta jew jirrifjuta talba bħal dik, u seta' biss jagħmel rakkomandazzjonijiet. Qal li dak iż-żmien huwa ma kienx irrakkomanda li dan il-*career break* jingħata, minħabba l-portata tal-proġett u minħabba problema ta'

nuqqas ta' riżorsi umani. Ix-xhud qal li ftit wara kien avviċinah il-*line manager* tar-rikorrenti, li kien infurmah li r-rikorrenti kienet irriżenjat mill-impjieg. Qal li kien hemm li huwa talab lir-rikorrenti biex jitkellmu, sabiex jaraw hemmx xi soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni, u huwa kien issuġġerixxa li r-rikorrenti kellha ttawwal il-perijodu tan-*notice* tagħha, u tapplika għal *career break* wara. Ix-xhud qal ukoll li r-rikorrenti kienet infurmatu li kien fi ħsiebha taħdem bħala *motoring instructor* sabiex il-ħinijiet tagħha jkunu aktar flessibbli, u l-pożizzjoni tiegħu dejjem baqgħet li huwa ma setax inaqqas min-nies fil-bank jew mis-sigħat li jaħdmu n-nies f'din it-taqsima. Ix-xhud qal li minkejja li ġew esplorati diversi possibilitajiet, finalment il-bank ħa l-pożizzjoni li kien hemm *notice* effettiva, kien hemm ir-riżenja u r-rikorrenti kellha titħalla titlaq mill-impjieg. Ix-xhud qal li sakemm kienu għaddejjin dawn id-diskussjonijiet mar-rikorrenti, huwa ma kienx jaf li l-bank kien ser iniedi skema ta' irtirar volontarju. Ix-xhud qal li qabel irriżenjat, ir-rikorrenti riedet tkun taf jekk il-bank kienx ser jaċċetta li matul il-perijodu tal-*career break* hija tagħmel xogħol bħala *motoring instructor*.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

15. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-14 ta' Marzu, 2022, it-Tribunal iddeċieda li l-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ ma jindikawx li s-soċjetà appellata kkommettiet diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, u lanqas ma kien hemm *constructive dismissal* tal-istess. It-Tribunal ċaħad ir-rikors tar-rikorrenti, filwaqt li ddeċieda li l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*“**Fatti tal-Każ***

*It-Tribunal ikkunsidra diversi aspetti ta’ dan il-każ u jibda biex jgħid li din il-kawża tistrieħ fuq l-allegat diskriminazzjoni li ġarrbet ir-rikorrenti bil-konsegwenza li kellha titlaq mix-xogħol dak li bl-Ingliż jgħidulu* constructive dismissal*.*

*Mill-provi jirriżulta s-segwenti. Ir-rikorrenti kienet qegħda tinsisti fuq* reduced working hours *billi kienet qegħda titlob* a four day week *anki bis-sigħat ridotti. Il-Bank kien qiegħed jindika li jixtieq li taħdem* a five day week *anki bil-ġurnata jew ġranet ridotti. Jidher li ma kienx hemm ftehim minkejja li l-partijiet kienu kważi waslu u ma kinux ’il bogħod. Hawn it-Tribunal innota l-intervent ta’ uffiċjal għoli tal-Bank li pprova jagħlaq din il-kwistjoni u jakkomoda t-talbiet tar-rikorrenti u hawn it-Tribunal jinnota l-flessibilità tal-Bank sabiex jipprova jagħlaq din il-kwistjoni. Wara li ma kienx hemm żvilupp ir-rikorrenti rriżenjat mix-xogħol tagħha u telqet lil hemm. Skont ir-rikorrenti din kienet* constructive dismissal *għax ġiegħluha titlaq mix-xogħol.*

*F’dan l-istadju t-Tribunal jinnota s-segwenti. Irriżulta illi r-rikorrenti kienet qegħda titlob xi ħaġa mhux tas-soltu minkejja li forsi kellha bżonn minħabba n-neċessitajiet tal-minuri tagħha. It-Tribunal jinnota li mar-rikjesta tal-Bank li taħdem ħamest ijiem* fuq a shortened week *ir-rikorrenti kienet tkampa għax it-tifel minuri kien imur skola u kienet tista’ tiġbru mill-iskola kuljum. Li tieħu ġurnata off fil-ġimgħa kienet xi ħaġa straordinarja għall-Bank minħabba x-xogħol impenjattiv li r-rikorrenti kellha fil-card section u kellu jitlesta sa ċertu żmien. It-Tribunal jinnota wkoll li l-Bank għamel sforz sabiex isolvi din il-kwistjoni però minħabba n-natura tax-xogħol tagħha kien importanti li tattendi kuljum. B’hekk il-*constructive dismissal *mhuwiex ġustifikat.*

*It-Tribunal irid jidħol fil-kwistjoni tad-diskriminazzjoni. Jirriżulta illi kien hemm impjegata oħra li kienet taħdem* four day week *bir-*reduced hours *u jekk għalhekk dan l-aġir jikkostitwixxi diskriminazzjoni. Il-Bank issottometta li din l-impjegata l-oħra kienet taħdem ġewwa sezzjoni differenti li setgħet taħdem* reduced working hours *u ġimgħa qasira mhux ta’ ħamest ijiem. Hawn it-Tribunal jinnota li minkejja huma impjegati tal-istess kumpannija jeżistu diversi sezzjonijiet fl-istess kumpannija. Għalkemm mal-ewwel daqqa t’għajn jirriżulta li stante li huma impjegati tal-istess kumpannija u prima facie jidher li ġiet diskriminata għax ma ngħatatx l-istess kundizzjonijiet għandu jirriżulta li x-xogħol kien differenti u l-urġenza sabiex jitlesta x-xogħol kien differenti. Lant tax-xogħol fejn kienet taħdem ir-rikorrenti kien ta’ ċertu natura u urġenza u kien proġett li kellu jitlesta. Għalhekk il-Bank prinċipali ma setax jirrilaxxa lir-rikorrenti ma taħdimx dawk is-sigħat imnaqqsa. Però impjegata f’sezzjoni*

*oħra fejn ix-xogħol ma kienx tant pressanti kien ġustifikat li tieħu reduced week b'sigħat inqas.*

*Għalhekk it-Tribunal jikkonkludi li f'dan il-każ ma hemmx każ ta' diskriminazzjoni kontra l-Bank.*

***Deċiżjoni***

*It-Tribunal Industrijali wara li kkonsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, ra u eżamina d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jiddikjara li l-HSBC Bank Malta ma kkommettiex diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti u li l-istess Bank ma kkommettiex constructive dismissal fil-konfront tar-rikorrenti.*

*Għaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeċiedi billi jiċħad dan ir-rikors bl-ispejjeż jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet."*

## <u>**L-Appell**</u>

16. Ir-rikorrenti ħassitha aggravata minn din id-deċiżjoni u intavolat appell minnha fl-24 ta' Marzu, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tiddeċiedi li l-appell tagħha huwa fondat u ġustifikat; tħassar u tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-14 ta' Marzu, 2022 fl-ismijiet premessi; u tkun din il-Qorti li tiddeċiedi dwar it-talbiet oriġinali magħmula fir-rikors promutur u d-dikjarazzjoni tal-każ tar-rikorrenti, skont dak li jirriżulta u skont kif inhu xieraq u opportun.

17. L-appellanta tat sunt tal-fatti li wasslu għall-appell tagħha, u bdiet billi spjegat li hija kienet ilha impjegata leali tas-soċjetà appellata għal madwar għoxrin sena, fejn dejjem wettqet il-ħidma tagħha b'mod eżemplari. Qalet li fl-2019, it-tifel tagħha beda jiffaċċja sfidi, u kellu bżonn l-għajnuna sabiex ikun jista' jagħmel progress l-iskola, u kien għalhekk li hija talbet lill-appellata tħalliha tibbenefika minn waħda minn diversi *family-friendly measures* ipprovduti

minnha, partikolarment li hija titħalla tieħu *unpaid leave* għal perijodu ta' sena. L-appellanta qalet li dan il-benefiċċju kien ikkontemplat fil-Ftehim Kollettiv viġenti. Qalet li minkejja li fil-bidu hija ngħatat l-impressjoni li l-bank kien ser jakkomoda t-talba tagħha, sussegwentement din it-talba ġiet miċħuda mill-bank appellat. Qalet li hija ppruvat tasal f'kompromess billi talbet li titħalla tnaqqas is-sigħat tax-xogħol tagħha, b'dan li titħalla taħdem jumejn biss fil-ġimgħa, iżda sfortunatament, u minkejja li kien hemm kollegi tagħha li tħallew jagħmlu dan, din it-talba ġiet miċħuda. L-appellanta qalet li sadanittant il-bank taha diversi raġunijiet li fil-fehma tagħha kienu konfliġġenti, inkonsistenti u diskriminatorji sabiex jiġġustifika r-rifjut tiegħu. Kompliet tgħid li riżultat ta' dan, hija ħasset li ma kellha l-ebda għażla oħra għajr li tirriżenja mill-impjieg sabiex tkun tista' tgħin lit-tifel tagħha. Qalet li sabiex tnaqqas l-impatt finanzjarju negattiv li hija ġarrbet konsegwenza ta' din id-deċiżjoni, hija bdiet taħseb f'attività ekonomika għal rasha bit-tama li jkollha l-flessibilità meħtieġa fiċ-ċirkostanzi tagħha. L-appellanta qalet li wara li hija rriżenjat mill-impjieg, il-*management* tal-bank apppellat issuġġerielha li tapplika għal benefiċċju differenti, li kien ukoll ikkontemplat fil-Ftehim Kollettiv, jiġifieri *career break,* ċjoé sena *unpaid leave.* L-appellanta qalet li minkejja li għall-bidu kienet ngħatat l-impressjoni li din it-talba tagħha kienet ser tiġi milqugħa, l-appellata għal darb'oħra rrifjutat it-talba tagħha. Qalet li rinfaċċjata b'din id-deċiżjoni, hija għal darb'oħra ppruvat tasal f'kompromess mal-bank u talbet li titħalla taħdem tliet darbiet fil-ġimgħa minflok darbtejn, imma minkejja li kien hemm impjegati oħra li tħallew jagħmlu dan, għal darb'oħra t-talba tal-appellanta ġiet miċħuda. L-appellanta qalet li d-deċiżjonijiet tagħha dejjem kienu ggwidati mid-diversi stqarrijiet li saru mill-bank stess tul is-snin, li

ma kinux ser jinħarġu aktar skemi ta' irtirar volontarju kmieni, kif kienu nħarġu fil-passat. L-appellanta qalet li kuntarjament għal din l-informazzjoni, u waqt li hija kienet qegħda taħdem in-*notice period* tagħha, f'Ottubru tal-2019, il-bank appellat ħareġ żewġ skemi ta' irtirar volontarju, u kien hawn li hija talbet lill-bank jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tat-talbiet tagħha, jew għall-inqas iħalliha tibbenefika mill-iskema ta' irtirar volontarju kmieni bħal għadd ta' kollegi tagħha. L-appellanta qalet li hija ressqet l-ilment tagħha l-ewwel permezz ta' *email,* u wara permezz tal-*Individual Grievance Procedure,* iżda għal darba oħra l-bank injora kompletament l-ilment tal-*union* tagħha, u kien biss fl-aħħar ġurnata tan-*notice period* li infurmaha li t-talba tagħha għall-*career break* ġiet rifjutata, bħalma ġiet rifjutata t-talba tagħha għall-irtirar kmieni. L-appellanta qalet li tul il-proċeduri quddiem it-Tribunal, ġie ppruvat li kien hemm 38 impjegat tal-bank li tħallew jaħdmu anqas minn għoxrin siegħa fil-ġimgħa, jew li kienu jaħdmu jumejn jew tlieta fil-ġimgħa kif talbet hi. Qalet li kien hemm żewġ impjegati li kienu jaħdmu anqas minn għoxrin siegħa fil-ġimgħa li kienu jaħdmu fid-dipartiment tagħha, u kien hemm impjegata oħra li ngħatat *child care leave,* li wkoll jingħata fid-diskrezzjoni tal-bank b'differenza mill-*maternity leave* jew l-*extended maternity leave.* L-appellanta qalet li kien hemm ukoll erba' impjegati li tħallew jipparteċipaw fl-iskema ta' irtirar volontarju, u minkejja dawn il-provi kollha, it-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu kkonkluda li ma saret l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tagħha, u li t-terminazzjoni tal-impjieg tagħha ma kinitx tammonta għal *constructive dismissal.*

18. L-appellanta qalet li t-Tribunal kien żbaljat fid-deċiżjoni tiegħu għaliex dan skarta jew applika ħażin l-artikolu 26(1)(b) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li

jgħid li ħadd ma jista' jassoġġetta impjegati jew klassi ta' impjegati għal trattament diskriminatorju fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg jew it-tkeċċija tagħhom. L-appellanta qalet li għad li kien hemm diversi impjegati tal-bank, fosthom hija stess, li kienu qegħdin jaħdmu sigħat u ġranet ridotti ta' xogħol, it-Tribunal iddeċieda li għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' paragun kienu jgħoddu biss l-impjegati l-oħra li jaħdmu fl-istess sezzjoni tal-appellanta, filwaqt li eskluda impjegati oħra li bbenefikaw minn sigħat u ġranet ta' xogħol ridotti kif jirriżulta mill-provi miġjuba. Qalet li tenut kont il-provvedimenti tal-liġi, it-Tribunal kellu jiddeċiedi t-talba tagħha abbażi ta' eżerċizzju ta' paragun bejn l-appellanta u persuni oħra li huma lkoll impjegati tal-bank appellat, għaliex l-artikolu 26(1)(b) tal-Kap. 452 jipprojbixxi diskriminazzjoni diretta bejn l-impjegati kollha ta' prinċipal, mingħajr ebda kwalifika li dawn iridu jkunu jaħdmu fl-istess sezzjoni. L-appellanta ċċitat l-artikolu 26(2)(ċ) tal-Kap. 452 u l-artikolu 2(a) tal-liġi sussidjarja 452.95, li jipprovdu illi:

> "(2)(ċ) azzjonijiet li bihom il-prinċipal xjentement jimmaniġġja x-xogħol, iqassam il-biċċiet ta' xogħol jew mod ieħor jirranġa l-kondizzjonijiet tax-xogħol hekk li impjegat ikun assenjat status li manifestement ikun anqas favorevoli minn oħrajn abbażi ta' trattament diskriminatorju".
>
> "(2)(a) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:
>
> għandu jitqies li jkun sar trattament diskriminatorju dirett meta persuna waħda hija ttrattata inqas favorevolment milli persuna oħra tkun, kienet, jew tista' tkun, ittrattata f'sitwazzjoni komparabbli għal kull raġuni minn dawk imsemmija fis-subregolament (1)".

19. L-appellanta qalet li mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, it-Tribunal skarta jew applika ħażin id-definizzjoni ta' klassi skont l-artikolu 2 tal-Kap. 452 tal-

Liġijiet ta' Malta, u tgħid li 'klassi' meta użata fil-kuntest ta' grupp jew ta' kategorija ta' impjegati, għandha tinftiehem għall-gruppi jew kategoriji elenkati fi ftehim kollettiv, filwaqt li fejn m'hemm l-ebda ftehim kollettiv, jew fejn ftehim kollettiv ma jipprovdix għal gruppi jew kategoriji ta' impjegati, għandha tinftiehem ix-xogħol magħmul jew mistenni li jsir indipendentement mit-titolu jew mill-isem mogħti lill-kariga. Qalet li l-Ftehim Kollettiv tal-bank appellat jistipula ż-żewġ kategoriji ta' impjegati li jeżistu fl-istruttura tal-bank, jiġifieri dawk maniġerjali u dawk klerikali. Qalet li hija kienet taħdem fil-kategorija klerikali, u hija kienet bħal impjegati oħra tal-bank li kienu qed igawdu minn akkomodazzjoni permezz ta' sigħat u ġranet tax-xogħol ridotti. L-appellanta qalet li kemm-il darba t-Tribunal ried li jagħmel eżerċizzju ta' paragun bejn impjegati fl-istess klassi tal-appellanta, l-eżerċizzju kellu jsir skont id-definizzjoni ta' 'klassi' fl-artikolu 2 tal-Kap. 452, u mhux bejn impjegati li kienu jaħdmu fis-sezzjoni tal-appellanta biss, kif fil-fatt sar. Qalet li biex ikun korrett fl-interpretazzjoni ta' 'klassi', it-Tribunal kien messu għamel eżerċizzju bejn l-appellanta u impjegati oħra fil-kategorija klerikali, mingħajr il-kwalifika li dawn ikunu jaħdmu fl-istess sezzjoni tal-appellanta. Qalet li mis-sentenza appellata ma jirriżultax liema kienu l-impjegati li jagħmel riferiment għalihom it-Tribunal meta wettaq l-eżerċizzju ta' paragun, u dan għaliex mill-provi rriżulta li kien hemm persuni li kienu fit-tim tal-appellanta li kienu jaħdmu 15-il siegħa fuq medda ta' tliet ijiem fil-ġimgħa (Tania Piscopo) u 23 siegħa fuq medda ta' erbat ijiem fil-ġimgħa (Ritienne Formosa).

20. Fit-tielet aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li t-Tribunal skarta jew applika ħażin l-artikolu 26(2)(b) tal-Kap. 452, li jagħti definizzjoni ta' trattament diskriminatorju. L-appellanta qalet li f'każ li t-Tribunal ried jagħmel eżerċizzju ta'

paragun skont dan l-artikolu, it-Tribunal ma kellux jillimita ruħhu għal eżerċizzju bejn impjegati li jagħmlu l-istess xogħol biss, iżda kien messu wettaq eżerċizzju ta' paragun bejn l-appellanta u l-impjegati l-oħra li jagħmlu l-istess xogħol, kif ukoll xogħol ta' valur ugwali għal tagħha, u jinkludi l-impjegati kollha fil-grad GCB8, mingħajr il-kwalifika li dawn kienu qegħdin jaħdmu fl-istess sezzjoni tal-appellanta. L-appellanta qalet li l-*Global Career Branding* hija klassifikazzjoni tal-bank appellat fejn impjegati jiġu *mapped* skont il-valur tax-xogħol fir-rwol li jkunu qegħdin jaqdu, u fejn teżisti *job evaluation system,* it-Tribunal għandu jimxi magħha, partikolarment fejn din il-klassifikazzjoni tinsab dedotta fil-ftehim kollettiv maqbul mal-*union* rikonoxxuta fil-post tax-xogħol bħal ma hija s-sitwazzjoni odjerna. Qalet li fejn jeżisti ftehim kollettiv, il-liġi applikabbli ma tippermettix li t-Tribunal ikollu diskrezzjoni joħloq distinzjoni ulterjuri mid-definizzjoni pprovduta fl-istess liġi. L-appellanta qalet li kwalunkwe distinzjoni ulterjuri ma kellhiex tingħata piż mit-Tribunal, għaliex tali piż ikun qiegħed iġib fix-xejn il-protezzjoni li l-leġislatur ried jagħti lill-impjegati li jaħdmu f'post tax-xogħol fejn jeżisti ftehim kollettiv.

21. Fir-raba' aggravju tagħha, l-appellanta ssostni li ma kinitx teżisti l-ġustifikazzjoni oġġettiva rikjesta mil-liġi sabiex it-Tribunal jiġġustifika d-diskriminazzjoni li rriżultatlu. Qalet li l-liġi trid li sabiex diskriminazzjoni tkun ġustifikata, l-azzjonijiet tal-prinċipal irid ikollhom għan leġittimu, u l-mezzi li jintużaw sabiex jintlaħaq dak l-għan, iridu jkunu adattati u neċessarji, li mhux il-każ fis-sitwazzjoni odjerna. Qalet li filwaqt li t-Tribunal ikkonkluda li mad-daqqa t'għajn jew fuq livell *prima facie,* jirriżulta li l-appellanta sfat diskriminata għaliex ma ngħatatx l-istess kundizzjonijiet, huwa erronjament qies li n-natura tax-

xogħol kienet differenti u li l-urġenza sabiex jitlesta x-xogħol kienet ukoll differenti, bil-konsegwenza li l-aġir tal-bank appellat ġie meqjus ġustifikat. Qalet li anke li kieku hija m'għandhiex raġun fl-aggravji preċedenti, xorta waħda mhux korrett li t-Tribunal jiġġustifika l-aġir tal-bank abbażi tal-konsiderazzjonijiet surriferiti. Qalet li teżisti kontradizzjoni enormi bejn il-pożizzjoni tal-bank appellat, li ġiet adottata mit-Tribunal, li ma setax jirrilaxxa lill-appellanta sabiex taħdem sigħat ridotti daqs kemm xtaqet jew kellha bżonnn, u dak li effettivament għamel meta ordna lill-appellanta tieqaf taħdem fuq il-proġett u ordnalha taħdem fuq il-*card scheme* sa ma sussegwentement ħalliha titlaq kompletament mix-xogħol. L-appellanta qalet li kieku x-xogħol li hija kienet tagħmel kien daqshekk indispensabbbli għall-appellat, kien ikun aħjar li hija tibqa' taħdem sigħat u ġranet ridotti, minflok tkun kostretta titlaq u ma taħdem xejn, u fil-ftit ħin li hija setgħet taħdem, dejjem setgħet tgħallem impjegati ġodda. L-appellanta qalet li prova oħra li ġġib fix-xejn l-argumenti tal-bank appellat, huwa l-fatt li fl-istess perijodu kien hemm erba' impjegati oħra li ngħataw l-iskema ta' irtirar kmieni u li ġew imħallsa somma sostanzjali ta' flus sabiex jitilqu mix-xogħol. Qalet li waħda minnhom kienet ilha mill-5 ta' Ġunju, 2019 fuq *unpaid leave* diskrezzjonarju, u finalment tħallset somma sabiex titħalla tirtira kmieni b'mod volontarju fl-aħħar tas-sena 2019. L-appellanta qalet li lanqas m'huwa kredibbli l-argument li l-ħaddiema fis-sezzjoni tagħha kienu jingħataw taħriġ partikolari, u dan għaliex mill-provi rriżulta li bdew jinġabu nies minn dipartimenti oħra sabiex jaħdmu fuq il-proġett in kwistjoni. L-appellanta qalet li lanqas ma ġie kontradett mill-bank appellat li fl-istess sezzjoni tagħha kien hemm persuna fl-istess grad li tħalliet taħdem ħmistax-il siegħa fil-ġimgħa fuq tliet ijiem, kif xtaqet taħdem hi.

L-appellanta qalet li lanqas m'huwa ġustifikat l-argument tal-bank, li ġie adottat mit-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu, li hija setgħet tkampa billi tidħol xogħol ħamest ijiem fil-ġimgħa għaliex t-tifel tagħha kien ikun l-iskola fil-ħin tax-xogħol, partikolarment meta l-Kap tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani tal-bank ippruvat tittrivjalizza t-talbiet tar-rikorrenti, billi qalet li din riedet taħdem sigħat imnaqqsa sabiex tagħmel 'il-faċendi'. L-appellanta qalet li għalhekk il-konklużjoni tat-Tribunal li l-bank kellu ġustifikazzjoni valida fil-liġi sabiex jaġixxi bil-mod kif aġixxa magħha, hija kompletament erroneja u t-Tribunal kellu jikkonkludi li ma kienx hemm raġunijiet validi fil-liġi li jiġġustifikaw id-diskriminazzjoni li rriżultat.

22. Fil-ħames aggravju tagħha l-appellanta tgħid li t-Tribunal naqas milli josserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali billi ma mmotivax id-deċiżjoni tiegħu kif rikjest mil-liġi fir-rigward tal-ilmenti tagħha. Qalet li filwaqt li d-deċiżjoni tat-Tribunal sa ċertu punt indirizzat it-talbiet magħmula fir-rikors tagħha, fis-sens li ċaħdet ir-rikors tagħha fl-intier tiegħu, imkien fis-sentenza ma hemm riferiment jew kumment wieħed dwar l-aġir diskriminatorju allegat minnha fir-rigward tal-ilmenti li ddeċidiet dwarhom, fosthom dwar il-fatt li l-appellanta ma tħallietx tressaq ilment skont il-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv; il-fatt li l-appellanta ġiet imċaħħda mid-dritt li tkun rappreżentata mill-*union* tagħha; il-fatt li l-bank appellat ma kienx qiegħed jimxi *in bona fede* meta ta x'jifhem lill-impjegati tiegħu, inkluż lill-appellanta, li ma kienx ser ikun qiegħed jikkonsidra skemi ta' irtirar volontarju bl-inċentiv tal-ħlas ta' somma flus, bħal ma kien regolarment isir fil-passat, meta l-bank kien jaf li dan ma kienx minnu, bil-ħsieb li jiffranka l-flus minn fuq l-impjegati li jitilqu mix-xogħol minn jeddhom, u b'hekk eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod arbitrarju u diskriminatorju fil-konfront tal-appellanta

meta ma ħallihiex tibbenefika mill-iskemi maħruġa; u li saret *discrimination by association* meta l-bank appellat ma pprovdiex *reasonable accomodation* lill-appellanta minħabba fil-kundizzjonijiet speċjali li kellu t-tifel tagħha, filwaqt li ngħatat *reasonable accomodation* lil impjegati oħra f'ċirkostanzi oħra.

23. L-appellanta saħqet li apparti li għandu jirriżulta li l-uffiċjali tal-bank appellat eżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom b'mod arbitrarju u diskriminatorju, il-fatt li l-bank appellat ċaħħadha milli tressaq l-ilment tagħha quddiem *grievance board* ikkostitwit skont id-disposizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv bl-għajununa tal-*union* tagħha, għandu jammonta għal aġir diskriminatorju, u dan mingħajr il-ħtieġa li jiġi evalwat il-mertu tal-ilment.

24. L-appellanta għamlet riferiment għal diversi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna proprju dwar il-punt tad-diskriminazzjoni sollevat minnha, u qalet li t-Tribunal ma ressaq l-ebda motivazzjoni fir-rigward tar-raġunijiet għalfejn ikkonkluda li ma saritx *discrimination by association* jew *associative discrimination* fil-konfront tagħha. Qalet li peress li t-Tribunal ma għamel l-ebda riferiment għall-motivazzjoni li wasslitu jikkonkludi li ma kienx hemm diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellanta, hija mhix f'pożizzjoni li tittutela d-drittijiet tagħha billi tressaq aggravji quddiem il-Qorti f'każ ta' nuqqas ta' qbil ma' xi punt ta' liġi li jkun ġie applikat mit-Tribunal b'mod skorrett. L-appellanta saħqet li l-motivazzjoni hija l-essenza ta' kull ġudizzju, anki jekk fil-każijiet speċifiċi li jkollu quddiemu t-Tribunal ma jkunx hemm il-ħtieġa ta' "motivi mtawlin". Qalet li huwa dejjem importanti li tingħata raġuni minima, almenu sabiex il-kontendenti jkollhom is-sodisfazzjon bażiku għaliex it-talba tkun qegħda tiġi milqugħa jew tiġi miċħuda. L-appellanta

qalet li s-sentenza appellata mhux biss ma fihiex is-sodisfazzjon ta' motivazzjoni konċiża li wasslet lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-punti surriferiti, iżda ma fiha l-ebda motivazzjoni ta' xejn fir-rigward. Qalet li huwa għalhekk li hija qegħda tinsisti li t-Tribunal naqas milli josserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

25. Permezz tas-sitt aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li t-Tribunal ma eżaminax u ma vvalutax l-evidenza kollha li ressqet l-appellanta sabiex issostni l-każ tagħha, u t-Tribunal m'għamilx apprezzament kif suppost tal-fatti u tal-aspetti ġuridiċi applikabbli għall-każ meta ddeċieda li ma kienx hemm diskriminazzjoni u *constructive dismissal.* Qalet li t-Tribunal skarta għal kollox il-fatti li ġew ippruvati bi provi dokumentarji inkonfutabbli, liema provi ma ġew bl-ebda mod kontradetti jew ribattuti mill-bank appellat, u minflok għażel li jagħti widen lill-assunzjonijiet li tqajmu mill-bank dwar dak li kien neċessarju o meno għall-appellanta sabiex tkun tista' tkampa mal-kundizzjoni tat-tifel tagħha. Qalet li huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna li meta prinċipal jiddiskrimina kontra impjegat, dan ikun qiegħed jikser il-kuntratt ta' impjieg b'mod fundamentali, u li meta jkun hemm ksur bħal dan li jwassal għat-terminazzjoni definittiva tal-impjieg, tkun qegħda ssir tkeċċija sfurzata jew aħjar *constructive dismissal.* Qalet li meta impjegat ikun qiegħed jaħdem in-*notice period,* dan xorta waħda jibqa' jgawdi l-istess protezzjoni daqs impjegati oħra, u għalhekk dak li jiġri wara r-riżenja xorta waħda jista' jwassal għal sejbien ta' *constructive dismissal* u diskriminazzjoni.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

26. Il-bank appellat fir-risposta tiegħu wieġeb billi ta sunt tal-fatti kif ġraw, u qal li meta l-appellanta kienet impjegata bħala *card systems officer,* hija kienet

diġà ngħatat il-fakultà li taħdem sigħat ridotti ta' tletin siegħa fil-ġimgħa. Ġie spjegat li f'Ġunju tal-2019, l-appellanta talbet għal *career break,* li huwa fid-diskrezzjoni tal-bank, u minħabba proġett kbir li kien għaddej fid-dipartiment fejn kienet taħdem l-appellanta, it-talba tagħha ma setgħetx tiġi milqugħa. Ġie spjegat li meta l-appellanta talbet sabiex taħdem sigħat aktar ridotti, il-bank, sabiex ma jitlifx impjegata oħra fi żmien daqstant kruċjali, u f'tentattiv sabiex jakkomodaha, offra lill-appellanta li taħdem sigħat inqas ta' xogħol, iżda hija baqgħet tinsisti li titħalla taħdem inqas minn hekk, tliet ijiem fil-ġimgħa, xi ħaġa li l-bank ma kienx f'pożizzjoni li jaċċetta. L-appellat qal li in vista tal-fatt li l-appellanta ma ngħatatx *career break,* u t-talba tagħha sabiex tibda taħdem biss tliet darbiet fil-ġimgħa ma ġietx milqugħa mill-bank, l-appellanta ddeċidiet li ttemm l-impjieg tagħha. L-appellat qal li dan ifisser li r-riżenja tal-appellanta mill-impjieg ma kinitx riżultat ta' ksur fundamentali tal-kuntratt tal-impjieg tagħha, iżda kienet biss riżultat ta' deċiżjoni unilaterali li r-rikorrenti ħadet minħabba fiċ-ċirkostanzi partikolari tagħha. L-appellat qal li l-ittra ta' riżenja tal-appellanta tindika li f'dak l-istadju r-riżenja tagħha mill-impjieg kienet waħda volontarja, u li hija ma kellha l-ebda lanjanza kontra l-bank. L-appellat spjega li wara r-riżenja tal-appellanta, il-*manager* tagħha pprova jesplora l-possibilità li hija tibqa' fl-impjieg, imma l-appellanta baqgħet tinsisti li hija riedet taħdem inqas sigħat. Il-bank appellat qal li l-iskema ta' irtirar volontarju ġiet fis-seħħ u tħabbret lill-impjegati meta l-appellanta kienet diġà infurmat lill-bank li kienet ser tirriżenja, u għalhekk il-każ tagħha ma setax jiġi ttrattat bħala wieħed ta' irtirar kmieni. Il-bank appellat qal ukoll li l-iskema ta' irtirar kmieni mhijiex garantita għal kull min japplika għaliha, iżda li l-bank għandu diskrezzjoni lil min jikkonċediha. B'riferiment għall-

*grievance* li tqajjem mill-appellanta, il-bank appellat qal li dan tqajjem xhur wara li kienet issottomettiet ir-riżenja tagħha, u tliet ijiem biss qabel l-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħha. Il-bank appellat qal ukoll li r-rikjesta għal *career break* m'għandhiex titqies li hija sindakabbli quddiem bord, għaliex rikjesta f'dan is-sens tikkonċerna *business exigencies,* u għalhekk anki skont il-Ftehim Kollettiv, tali deċiżjoni kienet fid-diskrezzjoni assoluta tal-bank.

27. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, il-bank appellat qal li sabiex jiġi eżaminat jekk f'dan il-każ kienx hemm diskriminazzjoni jew le, trid tiġi eżaminata r-raġuni għalfejn it-talba tal-appellanta biex tingħata *career break* jew biex taħdem inqas sigħat fuq medda ta' tliet ijiem ġiet rifjutata. L-appellat qal li l-prinċipal m'għandu l-ebda obbligu legali li jakkomoda talbiet ta' impjegati sabiex jinbidlu s-sigħat tax-xogħol, u s-sigħat tax-xogħol kif miftiehma fil-kuntratt ta' impjieg ma jistgħux jinbidlu unilateralment minn parti waħda biss. Qal ukoll li l-bank appellat kien diġà akkomoda lill-appellanta meta din kienet għamlet talba sabiex taħdem inqas sigħat, u dan il-fattur juri li l-bank ma kienx ippreġudikat fil-konfront tal-appellanta, u pprova jakkomodaha kif sar ma' impjegati oħra. Il-bank appellat qal li lanqas m'huwa obbligat jaċċetta talbiet għal *career breaks* skont il-Ftehim Kollettiv, għaliex anki l-Ftehim Kollettiv jipprovdi li rikjesti bħal dawn jintlaqgħu biss fid-diskrezzjoni tal-bank. L-appellat qal li jekk kull impjegat ser jibda jħossu diskriminat meta jagħmel talbiet bħal dawn u ma jiġux milqugħa, il-konklużjoni assurda tkun li l-bank ma jifdallu l-ebda diskrezzjoni jekk jikkonċedix il-*career break* jew le, għaliex ikollu jaċċetta kull talba li ssirlu. Il-bank appellat għamel riferiment għax-xhieda ta' David Camilleri, u qal li l-appellanta ma ġabet l-ebda prova li r-raġuni għalfejn għamlet it-talba tagħha kienet minħabba l-

bżonnijiet tat-tifel tagħha. L-appellat qal ukoll li l-appellanta uriet ix-xewqa li tiftaħ *motoring school,* u għalhekk ir-raġuni għalfejn talbet il-*career break* ma kinitx motivata biss mix-xewqa li tqatta' aktar ħin mal-familja tagħha. L-appellat qal li s-sottomissjoni tal-appellanta li t-Tribunal kellu jikkonsidra l-impjegati kollha tal-bank qabel jiddeċiedi jekk kienx hemm diskriminazzjoni jew le, hija waħda assurda, u peress li l-bank għandu ħafna dipartimenti u sezzjonijiet, kull deċiżjoni dwar tibdil fil-ħinijiet jew *career breaks* trid tieħu in konsiderazzjoni l-bżonnijiet ta' dak id-dipartiment jew sezzjoni partikolari. Qal ukoll li l-kunċett ta' diskriminazzjoni jesiġi li jsir paragun ta' *like cases,* jiġifieri trid issir il-prova li żewġ persuni ġew ittrattati b'mod differenti minkejja li huma f'ċirkostanzi simili, u fin-nuqqas wieħed ma jistax jallega li kien hemm diskriminazzjoni. L-appellat qal ukoll li kienet l-appellanta li llimitat ruħha għal paragun ma' persuni li jaħdmu fl-istess taqsima tagħha billi talbet id-dettalji ta' persuni li jaħdmu fl-istess sezzjoni tagħha, u dan juri li kienet l-appellanta li llimitat il-paragun li riedet tagħmel għall-persuni li jaħdmu f'dan id-dipartiment, iżda sussegwentement ippretendiet li t-Tribunal kellu jwessa' l-paraguni tiegħu fuq il-bank kollu. L-appellat qal li r-regolament iċċitat mill-appellanta jipprovdi li jkun hemm diskriminazzjoni meta persuna tiġi ttrattata inqas favorevolment minn persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli, u għalhekk it-tqabbil irid isir ma' persuni oħra li qegħdin taħt l-istess pressjoni ta' xogħol, fl-istess grad, u fl-istess dipartiment, u mhux mal-impjegati tal-bank kollu.

28. B'riferiment għat-tieni aggravju, l-appellat qal li l-appellanta baqgħet ma ġabet l-ebda prova li kien hemm impjegati oħra fil-gradi klerikali u f'sitwazzjoni komparabbli magħha li ġew trattati b'mod differenti. Żied jgħid li sitwazzjoni

komparabbli tfisser mhux biss li dawn l-impjegati qegħdin fl-istess grad/klassi, iżda wkoll li dawn tħallew jaħdmu tliet ijiem fil-ġimgħa kif xtaqet tagħmel l-appellanta, bl-istess pressjoni ta' xogħol li kellha hi. L-appellat qal li l-persuna li t-Tribunal ħa konsiderazzjoni tagħha fid-deċiżjoni tiegħu kienet taħdem erbat ijiem fil-ġimgħa u mhux tliet ijiem kif riedet l-appellanta, u kienet ukoll taħdem f'sezzjoni fejn ix-xogħol u l-urġenzi kienu differenti. B'riferiment għas-sitwazzjoni ta' Tania Piscopo, il-bank appellat qal li din ma kinitx impjegata fl-istess dipartiment tal-appellanta, u s-sitwazzjoni tagħha kienet differenti għaliex din kienet fuq *extended maternity leave* (bla ħlas) għal numru ta' snin, u meta tidħol lura għax-xogħol, hija setgħet tagħżel kemm taħdem sigħat, b'minimu ta' tnax -il siegħa. Dwar il-persuna l-oħra li ssemmiet mill-appellanta, jiġifieri Ritienne Formosa, il-bank appellat qal li din kienet ilha bosta snin taħdem b'sigħat ridotti, kif kienet l-appellanta, u hija m'għamlet l-ebda talba sabiex terġa' tnaqqas is-sigħat li kienet qegħda taħdem. L-appellat qal li għalhekk dan ifisser li l-persuni li qegħda tikkompara ruħha magħhom l-appellanta ma kinux f'sitwazzjoni komparabbli ma' tagħha għal diversi raġunijiet, u għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tagħha.

29. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellanta, il-bank appellat qal li dan l-aggravju huwa marbut ma' ta' qablu, u sabiex tiġi ppruvata d-diskriminazzjoni, l-appellanta kellha ġġib prova li impjegati oħra f'sitwazzjoni komparabbli ma' tagħha u li għamlu rikjesta fl-istess żmien għal tnaqqis ulterjuri tas-sigħat ta' xogħol, ġiet aċċettata, imma din il-prova baqgħet ma saritx.

30. Fir-raba' aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li ma kinitx teżisti l-ġustifikazzjoni oġġettiva rikjesta mil-liġi sabiex it-Tribunal jiġġustifika d-diskriminazzjoni li saret fil-konfront tagħha. B'riferiment għal dan, l-appellat qal li ngħatat raġuni għalfejn it-talbiet tal-appellanta ġew miċħuda. Qal li mhux talli huwa ma kienx ippreġudikat fil-konfront tagħha, talli saru diversi tentattivi sabiex tinstab soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni, imma l-appellanta baqgħet intransiġenti, għaliex is-soluzzjoni proposta mill-bank li l-appellanta tirrapporta għax-xogħol tal-anqas fuq medda ta' erbat ijiem, xorta waħda kienet ser tħalli biżżejjed ħin lill-appellanta sabiex tiġbor lit-tifel mill-iskola u jkollha l-ħin miegħu wara. B'riferiment għas-sottomissjoni tal-appellanta li l-bank appellat ipprefera li jħalliha titlaq mill-impjieg milli jippermettilha taħdem tliet ijiem, l-appellat qal li hemm limitu kemm Tribunal Industrijali jista' jissindika d-deċiżjonijiet li jieħu l-prinċipal għal raġunijiet operazzjonali,u dak li għandu jara t-Tribunal huwa biss jekk il-prinċipal aġixxiex b'mod raġonevoli fid-deċiżjoni tiegħu u jekk għandux spjegazzjoni valida għal dan l-aġir. L-appellat qal li għalhekk it-Tribunal kien ġustifikat meta kkonkluda li ma seħħet l-ebda diskriminazzjoni kontra l-appellanta, u li ma kien hemm l-ebda *constructive dismissal* għaliex il-bank mexa b'mod raġonevoli, in vista tal-importanza tal-proġett li kienet qed tagħti sehemha fih l-appellanta, u t-tentattivi li saru sabiex l-appellanta tiġi akkomodata. L-appellat qal li imġiba raġonevoli da parti tal-prinċipal ma tfissirx li dan għandu jakkomoda lil kull impjegat f'kull talba li jagħmel, mingħajr ma l-ewwel jiżen ukoll il-bżonnijiet tan-negozju tiegħu.

31. B'riferiment għall-ħames aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li meta wieħed jaqra r-rikors promutur, huwa evidenti li t-talbiet tal-appellanta huma

msejsa fuq il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni u l-*constructive dismissal,* u l-appellanta ssemmi punti ġodda fl-appell li ma ssemmew imkien qabel, u fl-istess waqt qegħda tilmenta li t-Tribunal ma ddeċidiex dwarhom. Il-bank spjega li l-*grievance* tal-appellanta tressqet mir-rappreżentant tagħha xhur wara li hija kienet issottomettiet ir-riżenja tagħha, u tliet ijiem biss qabel l-aħħar ġurnata tax-xogħol tagħha. L-appellat qal li kien diffiċli li jiġi stabbilit x'kien l-iskop wara din il-*grievance,* ladarba r-rikjesta tal-appellanta kienet diġà telgħet għand it-*top management* tal-bank, u d-deċiżjoni finali kienet ittieħdet mis-COO ta' dak iż-żmien wara laqgħat li saru mal-appellanta, fejn baqgħet ma nstabet l-ebda soluzzjoni. L-appellat qal li anki t-talba għall-*career break* kienet għal kollox fid-diskrezzjoni tal-bank, u sabiex tiġi milqugħa talba bħal din, riedu jitqiesu l-bżonnijiet operazzjonali tal-bank. Il-bank appellat saħaq ukoll li ladarba ma kien hemm l-ebda skop għall-*internal grievance procedure,* ma kien hemm l-ebda skop ta' rappreżentazzjoni tal-appellanta minn xi rappreżentant tal-*union* taghha. Il-bank appellat spjega wkoll li mhuwiex minnu li kien hemm nuqqas ta' *bona fede* min-naħa tiegħu meta ħarġet l-iskema tal-irtirar kmieni, u dan għaliex l-appellanta kienet diġà rriżenjat minn jeddha meta ħarġet din l-iskema, u għalhekk il-bank ma kellux għalfejn joffrilha inċentiv biex titlaq, u l-iskema u min jintgħażel kienu totalment f'idejn il-bank. Il-bank appellat qal li mill-provi kellu jirriżulta wkoll li kien hemm impjegati oħrajn fl-istess dipartiment tal-appellanta li wkoll applikaw għal din l-iskema, imma li t-talba tagħhom ma ġietx aċċettata. L-appellat qal li anki s-sottomissjoni tal-appellanta li kien hemm *discrimination by association,* ma treġix għaliex dan l-argument qiegħed jitqajjem għall-ewwel darba f'dan l-appell, u barra minn hekk id-diżabilità tat-tifel tal-appellanta ma

ġietx ippruvata waqt il-proċeduri quddiem it-Tribunal. L-appellat qal li t-Tribunal qatt ma seta' jagħmel riferiment għal punt li qatt ma tqajjem quddiemu.

32. L-appellat qal li permezz tas-sitt aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li t-Tribunal m'għamilx apprezzament tajjeb tal-fatti. Qal li appell minn deċiżjoni tat-Tribunal trid tkun limitata fuq punt ta' liġi biss, u d-deċiżjoni tat-Tribunal ma tistax tkun sindakabbli minn din il-Qorti rigward apprezzament ta' fatti, kif donnha tipprova tagħmel l-appellanta permezz tal-aħħar aggravju tagħha. L-appellat jikkontendi li l-apprezzament tal-fatti li sar fl-ewwel istanza m'għandux jiġi disturbat, għajr fejn iċ-ċirkostanzi jkunu tali li jikkonvinċu lill-Qorti ta' reviżjoni li tkun ser issir inġustizzja jew li hemm motiv gravi li jimmerita li d-diskrezzjoni użata mit-Tribunal tiġi disturbata. L-appellat qal li huwa ċar li l-apprezzament tal-provi fi grad ta' appell hija l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, u f'dan il-każ huwa inkonċepibbli kif l-appellanta ssostni li għaliex kien hemm diskriminazzjoni, kien hemm ukoll *constructive dismissal,* meta t-Tribunal iddikjara bl-aktar mod ċar li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellanta. L-appellat qal li s-sempliċi fatt li talba ta' impjegat ma tiġix milqugħa, ma jfissirx li kien hemm ksur fundamentali tal-kuntratt ta' impjieg li jagħti lok għal *constructive dismissal,* u l-maġġor parti tal-ilmenti tal-appellanti tqajmu wara li din kienet irriżenjat, waqt li kienet qegħda taħdem in-*notice* tagħha u għalhekk żgur li ma jistax jingħad li t-terminazzjoni tagħha kienet riżultat ta' *constructive dismissal.*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

33. Il-Qorti kkonsidrat fit-tul l-atti tal-proċeduri li wasslu għall-appell odjern, partikolarment wara li t-Tribunal irrimarka li minkejja li analiżi superfiċjali tal-fatti

tista' twassal għall-konklużjoni li f'dan il-każ seħħet diskriminazzjoni mal-appellanta, meta wieħed japprofondixxi dwar il-fatti kif ġraw il-konklużjoni għandha tkun li l-appellanta rriżenjat mill-impjieg minn jeddha, u li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni li wasslet għal *constructive dismissal* tagħha.

*L-ewwel aggravju: [applikazzjoni ħażina tal-artikolu 26(1)(b) tal-Kap. 452]*

34. L-appellanta ssostni li t-Tribunal skarta jew applika ħażin id-disposizzjonijiet tal-artikolu 26(1)(b) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex dan l-artikolu tal-liġi jesiġi li ħadd ma jista' jassoġġetta impjegati jew klassi ta' impjegati għal trattament diskriminatorju fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-impjieg jew it-tkeċċija tagħhom mill-impjieg. L-appellanta tgħid li t-Tribunal ikkonsidra biss it-trattament, il-benefiċċji u s-sigħat ta' xogħol ta' ħaddiema li kienu jaħdmu fl-istess taqsima tagħha, u dan minkejja li l-liġi ma toħloqx restrizzjonijiet bħal dawn. L-appellanta tgħid li biex l-evalwazzjoni tat-Tribunal tkun waħda kompluta, dan kellu jagħmel paragun bejn l-appellanta u s-sitwazzjoni tal-impjegati l-oħra kollha tal-bank appellat, għaliex l-artikolu 26(1)(b) tal-Kap. 452 ma jgħidx li l-paragun irid isir ma' ħaddiema oħra li jaħdmu fl-istess sezzjoni li kienet taħdem fiha l-appellanta.

35. Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li l-appellanta kienet taħdem f'taqsima partikolari tal-bank fejn, fiż-żmien rilevanti kien hemm sfidi u esiġenzi ta' xogħol minħabba proġett partikolari li kien qiegħed isir mill-bank fuq medda ta' diversi xhur. Il-bank kellu bżonn diversi riżorsi u assenja diversi ħaddiema biex jaħdmu f'din is-sezzjoni, u għalhekk meta l-appellanta talbet għal *career break* u biex tiġi

akkomodata billi titħalla taħdem inqas sigħat milli kienet qegħda taħdem, it-talbiet tagħha kellhom jiġu evalwati fid-dawl tal-esiġenzi li kellu l-bank u l-isfidi li kien qiegħed jiffaċċja f'dan iż-żmien partikolari. Il-Qorti titlaq ukoll mill-premessa li meta impjegat jagħmel talbagħal sigħat imnaqqsa jew għal konċessjonijiet oħra, anki jekk dawn ikunu kkontemplati fil-ftehim kollettiv li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-ħaddiema u l-prinċipal tagħhom, tali talbiet iridu jiġu evalwati mill-ottika tal-ħtiġijiet tan-negozju, u l-prinċipal m'għandu l-ebda obbligu li jakkomoda talbiet bħal dawn. Huwa għalhekk ġustifikat il-bank meta jgħid li l-ewwel konsiderazzjoni tiegħu kienet jekk it-talbiet in kwistjoni setgħux jiġu milqugħa fl-ambitu tal-esiġenzi tan-negozju. F'dan ir-rigward minn dejjem kien ċar għall-appellanta li l-*career break* li talbet kienet fid-diskrezzjoni tal-bank jekk tiġix aċċettata jew le. Il-Qorti tqis ukoll li sabiex jiġi deċiż jekk kienx hemm diskriminazzjoni mal-appellanta, il-paragun kellu jsir billi tiġi mqabbla s-sitwazzjoni tal-appellanta ma' dik ta' persuni li qegħdin f'pożizzjoni analoga għal tagħha fl-istess bank li għandhom l-istess grad, li jiffaċċjaw l-istess pressjoni ta' xogħol, li qegħdin jaħdmu fuq l-istess proġett, u li għalhekk qegħdin jagħtu l-istess kontribut lill-prinċipal li jaħdmu miegħu. L-appellanta tikkontendi li l-paragun kellu jsir mal-impjegati l-oħra kollha li jaħdmu fid-diversi sezzjonijiet tal-bank, imma l-Qorti tgħid li dan l-argument m'għandux mis-sewwa, partikolarment għaliex mill-provi jirriżulta li kien hemm taqsimiet tal-bank fejn il-proċessi ġew awtomatizzati, u għalhekk dawn it-taqsimiet ma kinux qegħdin jiffaċċjaw l-istess sfidi li kienet qed tiffaċċja s-sezzjoni fejn kienet taħdem l-appellanta. It-talba tal-appellanta sabiex tiġi akkomodata bil-mod kif talbet, saret fil-kuntest ta' taqsima partikolari tal-bank, u tar-realtajiet u tan-natura tax-xogħol

li din kienet tagħmel, u għalhekk mhijiex ġustifikata l-appellanta tgħid li fil-paragun tiegħu t-Tribunal kellu jikkonsidra d-diversi taqsimiet u sezzjonijiet tal-bank, għaliex kull sezzjoni għandha l-ħtiġijiet partikolari tagħha. Il-Qorti tirrileva wkoll li kienet l-appellanta li kellha tissodisfa l-grad tal-prova li kienet seħħet diskriminazzjoni magħha, u għalhekk hija kellha ġġib provi biżżejjed li ma' impjegati oħra fid-diversi taqsimiet tal-bank kif ukoll fl-istess sezzjoni tagħha, il-bank mexa b'mod differenti minn kif mexa magħha. Din il-Qorti tqis li l-appellanta mhijiex ġustifikata tinsisti li l-paragun kellu jsir ma' impjegati mis-sezzjonijiet l-oħra kollha fil-bank, u dan għaliex kif irriżulta minn dak li xehdu anki diversi esponenti tal-bank appellat, kull taqsima għandha r-realtajiet u l-isfidi tagħha u għalhekk it-talbiet tal-impjegati f'kull taqsima jridu jiġu evalwati fil-kuntest tal-esiġenzi tax-xogħol ta' kull wieħed minnhom f'dak iż-żmien partikolari. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanta mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[id-definizzjoni ta' 'klassi' ta' impjegati]*

36. L-appellanta tgħid li t-Tribunal skarta jew applika ħażin id-definizzjoni ta' 'klassi' skont l-artikolu 2 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u tgħid li l-Ftehim Kollettiv li jirregola r-relazzjonijiet tal-bank appellat mal-impjegati jistipula li hemm żewġ klassijiet ta' impjegati, jiġifieri dawk fil-grad klerikali u dawk fil-grad maniġerjali. L-appellanta tgħid li t-Tribunal għalhekk seta' faċilment jagħmel paragun tat-trattament li ngħatat hi, mat-trattament li ngħataw impjegati oħra fl-istess klassi bħal tagħha, inkluż ma' impjegati li ma jaħdmux fl-istess sezzjoni tagħha. Hija għamlet riferiment għal eżempji ta' impjegati li tħallew jaħdmu

sigħat ridotti ta' xogħol fuq perijodu ta' tliet ijiem sabiex tiġġustifika dan l-aggravju tagħha.

37. Imma l-Qorti anki hawnhekk tirrileva, li kif jirriżulta mill-provi, l-mijiet ta' impjegati fil-grad klerikali li jaħdmu mal-bank appellat, jaħdmu f'sezzjonijiet differenti, naturalment skont l-esiġenzi tal-bank, u f'post tax-xogħol b'daqstant taqsimiet u b'ċirkostanzi daqshekk varjati, it-talbiet tal-appellanta kellhom jiġu kkonsidrati mill-bank skont il-bżonnijiet tar-rwol partikolari li hija kellha fil-bank. Id-diversi xhieda li taw id-deposizzjoni tagħhom quddiem it-Tribunal, ilkoll spjegaw li fiż-żmien meta l-appellanta talbet il-*career break* jew li titħalla taħdem ammont ta' sigħat ta' xogħol ridotti ferm fuq medda ta' tliet ijiem, is-sezzjoni partikolari li kienet taħdem fiha l-appellanta kienet qegħda tiffaċċja diversi sfidi għaliex kien hemm proġett kruċjali għall-bank għaddej li kellu *deadlines* stretti. Il-bank kellu quddiemu l-isfida ta' nuqqas ta' riżorsi umani u ta' persuni mħarrġa f'dak ix-xogħol, fl-istess waqt li l-appellanta talbet konċessjoni sabiex tkun tista' tieħu sena *unpaid leave* jew inkella sabiex taħdem ammont ta' sigħat sostanzjalment mnaqqsa ta' xogħol. Jirriżulta wkoll mill-provi li l-bank appellat ipprova jakkomoda t-talbiet tal-appellanta b'diversi modi, u hija saħansitra ntalbet sabiex ittawwal il-perijodu tan-*notice* tagħha, kif ukoll sabiex din tikkonsidra li tidħol erba' sigħat xogħol mit-Tnejn sal-Ġimgħa, imma l-appellanta rrifjutat li tikkonsidra dawn l-għażliet li tpoġġew quddiemha. Jidher ċar li l-bank appellat jimxi *on a case by case basis* meta jiġi biex jikkonsidra t-talbiet partikolari li jsiru mill-impjegati tiegħu, u bħal ma jiġri f'kull relazzjoni industrijali oħra, is-sitwazzjoni bejn l-appellanta u l-*management* tal-bank appellat kellha tkun waħda ta' *give and take,* fejn l-appellanta kellha almenu tikkonsidra l-għażliet

kollha li l-bank poġġa quddiemha, u mhux tibqa' tqabbel is-sitwazzjoni tagħha ma' dik tal-impjegati l-oħra fil-bank. Minn dak illi jirriżulta mill-provi, ma kien hemm xejn li mhux raġonevoli fid-deċiżjoni tal-bank li jirrifjuta t-talbiet tal-appellanta, għaliex it-talbiet tagħha saru fi żmien meta l-bank kellu l-isfidi tiegħu u kellu problemi biex isib ir-riżorsi umani meħtieġa biex jagħmlu ċertu xogħol. Huwa għalhekk inutli li l-appellanta tinsisti li kien hemm impjegati oħrajn fil-grad klerikali li tħallew jaħdmu ħmistax-il siegħa jew ftit aktar fuq tliet ijiem, għaliex ma jirriżultax li dawn il-ħaddiema kienu jaħdmu fl-istess sezzjoni jew li kienu fl-istess sitwazzjoni tal-appellanta. Il-Qorti tqis ukoll li f'dan il-każ ma jirriżultax jekk l-appellanta talbitx li tmur taħdem f'xi sezzjoni oħra tal-bank fejn kien ikun possibbli li hija tingħata aktar flessibilità fis-sigħat li taħdem, għalkemm anki hawn il-Qorti tifhem li talba bħal din kienet fid-diskrezzjoni tal-bank li naturalment irid ipoġġi r-riżorsi umani disponibbli għalih fil-post fejn jeħtieġhom l-aktar. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis illi dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[trattament diskriminatorju]*

38. L-appellanta tgħid li sabiex jiddetermina jekk fil-konfront tagħha seħħitx diskriminazzjoni, it-Tribunal kellu mhux biss jagħmel eżerċizzju ta' paragun bejn impjegati li jagħmlu l-istess xogħol, iżda messu sar eżerċizzju ta' paragun bejnha u l-impjegati l-oħra li jagħmlu xogħol bl-istess valur bħal tagħha, inkluż l-impjegati kollha tal-bank fl-istess grad tagħha. L-appellanta saħqet li l-gradi tal-impjegati fil-bank jirriżultaw mill-Ftehim Kollettiv, u t-Tribunal ma kellux joħloq distinzjonijiet li ma jirriżultawx fid-definizzjonijiet ipprovduti fil-Ftehim Kollettiv.

39. Hawnhekk ukoll il-Qorti tqis li t-talbiet tal-appellanta kellhom jiġu kkonsidrati skont dak li jirriżulta li kienu l-esiġenzi tal-bank fiż-żmien meta hija għamlet it-talbiet tagħha. Seta' jagħti l-każ illi li kieku fis-sezzjoni fejn kienet taħdem l-appellanta ma kienx hemm proġett daqstant kruċjali li kien qiegħed isir fiż-żmien li hija għamlet it-talbiet tagħha, kien ikun possibbli għall-bank li jakkomoda lill-appellanta u jilqa' t-talbiet tagħha. Iżda mill-provi ħareġ ċar li fiż-żmien rilevanti, il-bank ma kienx f'qagħda la li jagħti *career break* lil waħda mill-impjegati tiegħu, u lanqas li jikkonċedilha li din taħdem biss jumejn jew tliet ijiem fil-ġimgħa. Seta' jagħti l-każ illi li kieku l-appellanta kienet taħdem f'sezzjonioħra tal-bank dan kien ikun possibbli. Għal darb'oħra l-Qorti tirrileva li mill-provi jirriżulta li l-każ odjern ma kienx wieħed fejn il-bank appellat ma ppruvax jakkomoda t-talbiet tal-appellanta, tant hu hekk saru diversi laqgħat u korrispondenza fejn ġew spjegati r-raġunijiet għalfejn il-bank ma setax jilqa' t-talbiet tal-appellanta, u fejn il-bank ipprova jsib soluzzjoni alternattiva li tkun aċċettabbli għall-appellanta. Imma l-appellanta baqgħet tinsisti li fl-aħjar ipotesi setgħet taħdem biss tliet darbiet fil-ġimgħa, jew inkella tingħata *career break* sabiex tkun tista' tipprova ssib impjieg alternattiv li joffrilha aktar flessibilità. Wara li ġie spjegat li dan ma kienx aċċettabbli għall-bank minħabba ċerti sfidi partikolari fis-sezzjoni fejn kienet taħdem l-appellanata, hija ddeċidiet li tirriżenja mill-impjieg permezz ta' ittra datata t-8 t'Awwissu, 2019. Il-Qorti ssibha diffiċli tikkonsidra li kellu jitqies li saret diskriminazzjoni mal-appellanta, għaliex il-paragun li l-appellanta tinsisti li kellu jsir, ried isir ma' impjegati li mhux biss qegħdin fl-istess grad tagħha, imma anki fis-sitwazzjoni identika tagħha. Għall-argument, fl-istruttura tal-bank jista' jagħti l-każ li xi impjegati fil-grad klerikali

jaħdmu fis-sigħat ta' bil-lejl, kif jiġri per eżempju fil-*call centre* tal-bank. Setgħet l-appellanta tippretendi li s-sitwazzjoni tagħha titqabbel ma' ta' dawn l-impjegati tal-istess bank? Il-Qorti qed iġġib dan l-eżempju sabiex turi li dak li qegħda tippretendi l-appellanta mhuwiex fattibbli, u mhuwiex eżerċizzju li kellu jsir mit-Tribunal, għaliex f'bank fejn jaħdmu daqstant impjegati bi rwoli daqstant varjati, dejjem ser ikun hemm sitwazzjoni fejn xi impjegati jistgħu per eżempju jitħallew jaħdmu mid-dar, u oħrajn li ma jistgħux, jew li impjegati jitħallew jidħlu x-xogħol f'numru limitat ta' ġranet, filwaqt li oħrajn ikunu meħtieġa fuq il-lant tax-xogħol kuljum. Għaldaqstant tqis illi anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *[l-ebda ġustifikazzjoni oġġettiva għad-diskriminazzjoni li saret]*

40. L-appellanta tgħid li biex diskriminazzjoni tkun ġustifikata, l-azzjonijiet tal-prinċipal irid ikollhom għan leġittimu, u fil-każ odjern għandu jitqies li *prima facie* kien hemm diskriminazzjoni għaliex hija ma ngħatatx l-istess kundizzjonijiet li ngħataw impjegati oħrajn. L-appellanta tikkontendi li hija sfat diskriminata għaliex filwaqt li impjegati oħrajn ingħataw kundizzjonijiet ta' xogħol flessibbli u tħallew jaħdmu ammont ta' ġranet ridotti, hija kellha titlaq mill-impjieg. Qalet ukoll li kien hemm numru ta' impjegati fis-sezzjoni tagħha li ngħataw l-iskema tal-irtirar volontarju, u qalet li mhux minnu li impjegati fis-sezzjoni tagħha kellhom jingħataw xi taħriġ partikolari, tant hu hekk li meta kien hemm nuqqas ta' riżorsi fit-taqsima tagħha, inġabu impjegati minn sezzjonijiet oħra.

41. Il-Qorti diġà għamlet l-osservazzjonijiet tagħha għalfejn ma jistax jingħad li l-appellanta sfat diskriminata mill-bank appellat. Jirriżulta li sa minn meta l-appellanta daħħlet it-talba tagħha sabiex titħalla taħdem ammont ridott ta' sigħat ta' xogħol, il-*manager* dirett tagħha David Camilleri ma rrakkomandax li t-talbiet tagħha jiġu milqugħa minħabba l-proġett li kienet qed tipparteċipa fih l-appellanta fis-sezzjoni tagħha. Jirriżulta wkoll li meta l-appellanta bdiet turi l-intenzjoni li titlob *career break,* saru diversi laqgħat magħha u sarulha proposti sabiex filwaqt li jkollha l-ħin li xtaqet mal-familja tagħha, hija xorta waħda tkun tista' tirrapporta għax-xogħol fuq bażi regolari u b'hekk l-impatt tad-deċiżjoni tagħha fuq ix-xogħol li kienet tagħmel, ma kienx ikun daqshekk kbir. It-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu kellu jikkonsidra mhux biss jekk seħħitx diskriminazzjoni li eventwalment wasslet lill-appellanta tkun kostretta titlaq mill-impjieg, iżda kellu jara wkoll jekk id-deċiżjoni tal-bank kinitx waħda raġonevoli fiċ-ċirkostanzi. L-appellanta tinsisti li sabiex id-differenza fit-trattament li hija ngħatat titqies li hija leġittima, kellu jintwera li din saret għal għan leġittimu. Il-Qorti tqis li fil-fatt dan sar, u kull impjegat għandu jżomm f'moħħu li meta jagħmel talbiet bħal dawn lil min jimpjegah, il-konsiderazzjoni prinċipali ta' min iħaddem dejjem tkun l-impatt fuq l-andament tax-xogħol u l-esiġenzi tan-negozju. Fil-każ odjern saru diversi tentattivi biex l-appellanta tibqa' fl-impjieg u tigi akkomodata, anki jekk mhux neċessarjament bil-mod kif xtaqet hi. Imma l-kompromess offrut mill-bank ma kienx aċċettabbli għall-appellanta, u għalhekk l-appellanta mhijiex ġustifikata tgħid li seħħet diskriminazzjoni magħha, jew li l-azzjonijiet tal-prinċipal ma kellhomx għan leġittimu. L-appellanta ma tistax tippretendi li din il-Qorti ssib li kien hemm azzjonijiet mhux ġustifikati da parti tal-bank sempliċement għaliex

ittieħdet id-deċiżjoni li hija titħalla titlaq mill-impjieg, minflok ikkonċedielha li taħdem tliet darbiet fil-ġimgħa b'sigħat imnaqqsa ta' xogħol. Din id-deċiżjoni kienet interament fid-diskrezzjoni tal-bank li jeħodha, u m'hemm xejn mhux ġustifikat fl-insistenza tal-bank li persuna fil-grad u fir-rwol tal-appellanta tkun preżenti fuq il-post tax-xogħol tagħha ħamest ijiem fil-ġimgħa minflok tliet ijiem. Il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għall-allegazzjoni tal-appellanta li kien hemm erba' ħaddiema mis-sezzjoni tagħha li tħallew japplikaw għall-iskema ta' irtirar volontarju. Imma hawnhekk il-Qorti tqis li ma nġabet l-ebda prova konkreta li dan kien il-każ. Dwar l-allegazzjoni tal-appellanta li l-bank appellat kellu jġib impjegati minn sezzjonijiet oħra sabiex jaħdmu fis-sezzjoni fejn kienet taħdem hi, il-Qorti tqis li dan l-argument huwa għal kollox frivolu u mingħajr bażi, għaliex kif ta' spiss jiġri f'ħafna postijiet tax-xogħol, meta jkun hemm bżonn ta' riżorsi umani, min iħaddem irid jara kif jirrialloka r-riżorsi li jkollu u jindirizzahom fejn ikun meħtieġ, u jagħti t-taħriġ fejn ikun meħtieġ. Ma nġabet l-ebda prova li x-xogħol li kienet tagħmel l-appellanta kien jeħtieġ xi kwalifiki partikolari, u għalhekk ma kellux ikun diffiċli għall-bank li jirrialloka r-riżorsi tiegħu u li jagħti t-taħriġ meħtieġ lil dawn l-impjegati sabiex il-proġett in kwistjoni ma jaqax lura. Għaldaqstant tqis illi dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

*Il-ħames aggravju: [l-ebda motivazzjoni mit-Tribunal]*

42. L-appellanta tgħid li fil-każ odjern id-deċiżjoni tat-Tribunal hija nieqsa mill-motivazzjoni, u dan bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Hija tikkontendi li d-deċiżjoni appellata indirizzat it-talbiet tagħha sa ċertu punt biss, għaliex fid-

deċiżjoni m'hemm l-ebda konsiderazzjoni fuq jekk l-aġir tal-bank jammontax għal trattament diskriminatorju. L-appellanta qalet li kien hemm diversi provi ta' imġiba diskriminatorja da parti tal-bank appellat, u t-Tribunal ma semma xejn dwar dan.

43. Il-Qorti, filwaqt li taqbel mal-appellanta li d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda pjuttost qasira, madanakollu m'hijiex tal-fehma li din hija nieqsa mill-motivazzjoni. It-Tribunal kellu jiddeċiedi jekk fil-każ odjern saritx diskriminazzjoni mal-appellanta u jekk din id-diskriminazzjoni kinitx tali li wasslet għal *constructive dismissal* tagħha mill-impjieg. L-appellanta tinsisti li hija sfat diskriminata għaliex hija ma tħallietx tressaq ilment intern skont il-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv. Il-Qorti tosserva li mill-provi jirriżulta li l-appellanta tat ir-riżenja tagħha fit-8 t'Awwissu, 2019, u fl-ittra ta' riżenja tagħha hija ma qajmet l-ebda lanjanza u m'għamlet l-ebda riferiment għal xi azzjoni jew deċiżjoni mhux xierqa da parti tal-bank appellat. Jirriżulta wkoll li l-ilment intern tressaq mill-appellanta madwar xahrejn wara li hija kienet irriżenjat mill-impjieg, proprju fl-aħħar tliet ijiem tal-impjieg tagħha, u għalhekk f'perijodu ta' żmien meta dak kollu li kellu jingħad u jiġi deċiż kien diġà ngħad u deċiż. Ma jirriżultax li l-bank appellat kien proattiv jew għamel xi ħaġa li permezz tagħha l-appellanta ma tħallietx tressaq l-ilment intern tagħha, u għalhekk il-Qorti qegħda tqis li kienet għażla kompletament tal-appellanta li din ħalliet proprju sal-aħħar jiem tax-xogħol sabiex tressaq il-*grievance* tagħha. Huwa raġonevoli li jingħad li f'sitwazzjonijiet bħal dawn, qabel persuna tieħu d-deċiżjoni drastika li tirriżenja minn impjieg, hija għandha tagħraf li tinforma ruħha u li tikkonsulta mal-*union* tagħha, u mhux tħalli proprju sal-aħħar jiem tan-*notice* sabiex tressaq l-ilment intern skont l-istrutturi li jipprovdi

għalihom il-Ftehim Kollettiv. L-appellanta tgħid ukoll li hija ġiet imċaħħda milli tkun rappreżentata mill-*union* tagħha, iżda mill-provi ma jirriżultax li dan kien il-każ. Mill-provi jirriżulta li saru diversi laqgħat u kien hemm diversi proposti li saru lill-appellanta proprju sabiex din ma tasalx għad-deċiżjoni li titlaq mill-impjieg, u fl-ebda waqt ma jirriżulta li l-bank irrifjuta li jkun hemm rappreżentant tal-*union* preżenti waqt id-diskussjonijiet li saru. L-appellanta allegat ukoll li kien hemm nuqqas ta' *bona fede* da parti tal-bank appellat għaliex dan kien jaf li kienu ser jinħarġu skemi ta' irtirar kmieni mill-impjieg, imma dan uża d-diskrezzjoni tiegħu magħha b'mod arbitrarju u diskriminatorju sabiex hija ma titħalliex tibbenefika mill-iskemi maħruġa. Hawnhekk ukoll, il-Qorti tosserva li l-premessa li telqet biha l-appellanta kienet li f'każ li ma tiġix akkomodata kif xtaqet, hija kienet sejra tirriżenja mill-impjieg, kif fil-fatt għamlet, u għalhekk hija ma kellhiex bżonn ta' inċentiv monetarju biex titlaq. L-appellanta lanqas m'għandha l-garanzija li kieku tħalliet tapplika taħt l-iskema tal-irtirar volontarju, l-applikazzjoni tagħha kienet ser tigi milqugħa, għaliex il-bank baqa' jsostni li huwa kellu bżonnha fir-rwol li hija kellha fit-taqsima tagħha. Ma nġabet l-ebda prova illi f'Awwissu tal-2019, meta rriżenjat l-appellanta mill-impjieg tagħha, il-bank kien diġà qiegħed jippjana li jniedi skemi ta' irtirar volontarju kif allegat l-appellanta, u mill-provi jirriżulta li dawn l-iskemi kienu maħsuba għal persuni f'taqsimiet fejn ix-xogħol kien ser jiġi awtomatizzat u mhux għall-impjegati kollha tal-bank appellat. L-appellanta allegat li għadd ta' ħaddiema fis-sezzjoni tagħha tħallew jirtiraw taħt din l-iskema. Imma l-Qorti tqis li din l-allegazzjoni baqgħet ma ġietx ippruvata, u fi kwalunkwe każ iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dawn l-impjegati ma ġewx spjegati. L-appellanta tikkontendi wkoll li saret *discrimination by association* magħha għaliex hija kellha

raġunijiet familjari għalfejn xtaqet akkomodazzjoni raġonevoli, u din l-akkomodazzjoni ġiet konċessa lil impjegati oħra tal-bank fil-passat. Hawn ukoll il-Qorti, filwaqt li m'għandhiex għalfejn tiddubita mill-veraċità ta' dak li allegat l-appellanta, jiġifieri li fiż-żmien li fih hija għamlet it-talbiet tagħha lil bank, hija kellha sfidi familjari li minħabba fihom kellha tikkontempla bidla fil-karriera sabiex ikollha aktar flessibilità fil-ħinijiet tax-xogħol taghha, għandu jingħad li uħud mill-membri tal-*management* tal-bank li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem it-Tribunal, irrimarkaw li l-appellanta damet ma qalet li r-raġuni għalfejn xtaqet il-*career break* kienet proprju minħabba l-kundizzjoni tat-tifel tagħha, u hija ma resqet l-ebda prova dwar il-kundizzjoni tat-tifel tagħha. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tirrileva li l-appellanta kellha tassigura li tipprova l-każ tagħha bl-aħjar mod, bi provi inkonfutibbli dwar il-kundizzjoni ta' binha x'tirrikjedi, u li kien fl-istadju fejn l-appellanta kienet qegħda tressaq il-każ tagħha quddiem il-*management* tal-bank li kien jagħmel sens għaliha li titlob l-assistenza tal-*union* taghha, u mhux wara li t-talbiet tagħha ġew miċħuda, u wara li kull parti f'dawn il-proċeduri kienet ħadet id-deċiżjonijiet li kellha tieħu. Huwa għalhekk li din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*Is-sitt aggravju:* *[nuqqas ta' apprezzament tal-provi kollha ppreżentata]*

44. L-appellanta tgħid li t-Tribunal naqas milli jagħmel evalwazzjoni tal-provi u tal-fatti kollha ppreżentati minnha, u tgħid li dan skarta provi dokumentarji inkonfutabbli, liema provi ma ġew bl-ebda mod kontradetti jew ribattuti mill-bank appellat. L-appellanta saħqet li fil-każ odjern inkiser il-kuntratt ta' impjieg

tagħha u għalhekk kien hemm tkeċċija sfurzata jew *constructive dismissal* mill-impjieg tagħha.

45. Il-Qorti tibda billi tosserva li l-appellanta imkien ma tgħid fl-aggravju tagħha b'liema mod it-Tribunal naqas milli jevalwa xi prova jew xi dokumenti ippreżentati minnha. Din il-Qorti waslet għall-istess konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal qabilha, jiġifieri li ma kien hemm l-ebda aġir diskriminatorju da parti tal-bank appellat li wassal lill-appellanta tħossha kostretta titlaq mill-impjieg taghha. Il-bank appellat ta diversi għażliet lill-appellanta, kien hemm diversi esponenti tal-bank li semgħuha u li għamlu laqgħat magħha sabiex din tagħraf tiżen l-għażliet li kellha quddiemha, iżda finalment kienet id-deċiżjoni tal-appellanta li tirriżenja mill-impjieg tagħha. Kien biss fi stadju inoltrat meta l-appellanta kienet qegħda taħdem l-aħħar ftit ġranet tan-*notice* tagħha, li hija ddeċidiet li tagħmel ilment formali skont il-proċeduri interni tal-bank, u li tinvolvi lir-rappreżentant tal-*union* tagħha sabiex jassistiha. Il-fatt li kawża ma tiġix deċiża kif tkun tixtieq parti jew oħra, ma jfissirx neċessarjament li l-Qorti tkun naqset milli tikkonsidra l-provi kollha li jkollha quddiemha, jew li tevalwa dak kollu li kellhom xi jgħidu l-partijiet. It-Tribunal, minkejja li m'għamilx riassunt tal-provi kollha li tressqu quddiemu, fid-deċiżjoni tiegħu spjega li huwa "*kkunsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, ra u eżamina d-dokumenti eżebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ* ...", u għalhekk m'għandu jifdal l-ebda dubju li d-deċiżjoni mogħtija ma ħaditx konjizzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha sabiex issir ġustizzja mal-partijiet ikkonċernati. Għalhekk tqis illi dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**